ATT TA' L-2002 DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI

Arranġament ta' Artikoli

Artiklu

TAQSIMA I - PRELIMINARI

1. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.
3. Oġġetti li dwarhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

TAQSIMA II

PRINĊIPJI U DMIRIJIET ĠENERALI

4. Prinċipji u dmirijiet.
5. Kondizzjonijiet.
6. Priorità lill-Patrimonju Kulturali.

TAQSIMA III

KOSTITUZZJONI, KOMPOŻIZZJONI U FUNZJONIJIET TA' L-ENTITAJIET

7. Sovrintendenza.
8. Aġenzija Operattiva.
9. Bord tad-Diretturi.
10. Ċentru Malti għar-Restawr.
11. Funzjonijiet taċ-Ċentru.
12. Strateġija Nazzjonali dwar il-Patrimonju Kulturali.
13. Eżenzjoni minn xi taxxi.
14. Il-Kumitat ta' Garanzija.
15. Forum nazzjonali.
16. Fond dwar il-Patrimonju Kulturali.

TAQSIMA IV - PROVVEDIMENTI AMMINISTRATTIVI
U DWAR IL-PERSUNAL

17. Ħatriet ta' persunal.
18. Trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi.
19. Offerti ta' impieg permanenti lil uffiċjali pubbliċi mqabbda jaqdu dmirijiet ma' l-Entitajiet.

TAQSIMA V - PROVVEDIMENTI FINANZJARJI

20. L-Entitajiet jħallsu l-infieq mid-dħul.
21. Poter ta' self ta' kapital.
22. Flus li jingħataw bil-quddiem mill-Gvern.
23. Tislif mingħand il-Gvern.
24. Estimi ta' l-Entitajiet.
25. In-nefqa skond l-estimi approvati.

26. Pubblikazzjoni ta' l-estimi approvati.
27. Kontijiet u verifika.
28. Depożitu ta' kull dħul u ħlas mill-Entitajiet.
29. Kuntratti ta' provvista u ta' xogħlijiet.
30. Rapport annwali.

TAQSIMA VI - PROFESSJONISTI FIL-KONSERVAZZJONI

31. Kwalifiki għall-*warrant*.
32. Ċirkostanzi speċjali.
33. *Warrant* ta' prattika bħala konservatur professjonali.
34. Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi.
35. Funzjonijiet tal-Bord.
36. Sospensjoni jew revoka ta' *warrant*.
37. Effetti ta' revoka jew sospensjoni ta' *warrant*.
38. Il-Ministru jista' joħroġ *warrant* ġdid.
39. Tekniku ta' Konservazzjoni.

TAQSIMA VII – POTERI SPEĊJALI TA' L-ISTAT

40. Dritt ta' preferenza.
41. Kontroll ta' l-esportazzjoni u ri-esportazzjoni.
42. Tiswija u restawr mill-Gvern.
43. Dritt esklużiv għall-iskavar.
44. Permessi għal żvilupp u proprjetà kulturali.
45. Setgħa ta' dħul u ta' spezzjon.
46. Avviżi ta' sospensjoni.
47. Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni.
48. Kurazija.
49. Konvenzjonijiet internazzjonali eċċ.
50. Treġġigħ lura ta' proprjetà kulturali misruqa u esportata kontra l-liġi.
51. Dritt ta' appell.

TAQSIMA VIII - PATRIMONJU KULTURALI RELIĠJUŻ

52. Provvediment dwar il-Patrimonju Kulturali Reliġjuż.

TAQSIMA IX – REATI

53. Ħsara volontarja jew qerda ta' ċertu proprjetà.
54. Poteri ta' prosekuzzjoni u ta' assistenza lill-Pulizija u lil uffiċjali oħra.

TAQSIMA X – REGOLAMENTI

55. Poteri li jsiru regolamenti.

TAQSIMA XI – MIXXELLANJI

56. Tħassir u riserva.
57. Emenda għall-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Kap. 356.

SKEDA – RATA TA' DAZJU TA' ESPORTAZZJONI

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Acting President

26 ta' April, 2002

ATT Nru. VI ta' l-2002

ATT biex jipprovdi minflok l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, Kap. 54, għas-sovrintendenza, konservazzjoni u amministrazzjoni tal-patrimonju kulturali f'Malta u dwar ħwejjeġ ancillari għal dan jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:–

TAQSIMA I
PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att ta' l-2002 dwar il-Patrimonju Kulturali.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tiegħu.

(3) Avviż taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji bħalma jkunu jidhru lill-

Ministru li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-disposizzjonijiet li jinġiebu fis-seħħ bih.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Operattiva mwaqqfa taħt l-artikolu 8 ta' dan l-Att;

"Avviż ta' Sospensjoni" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 46 ta' dan l-Att;

Kap. 356.

"Awtorità ta' l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità mwaqqfa taħt l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp;

"Ċentru" tfisser iċ-Ċentru Malti għar-Restawr imsemmi fl-artikolu 10 ta' dan l-Att;

"detentur" tfisser min ikollu fiżikament għandu oġġett kulturali f'isem terzi;

"dritt ta' preferenza" tfisser il-jedd mogħti lis-Sovrintendent bi u skond l-artikolu 40 ta' dan l-Att;

"Entitajiet" tfisser is-Sovrintendenza, l-Aġenzija, iċ-Ċentru, il-Kumitat u l-Fond, u Entità għandha tiftiehem skond hekk;

"esplorazzjoni" tfisser attività fuq l-art u fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa, magħmula bil-għan li tiskopri informazzjoni ġdida li tirrigwarda l-patrimonju kulturali, u li tista' tirriżulta fis-sejbien ta' oġġetti mobbli jew immobbli ta' valur għall-patrimonju kulturali li għadhom mhux dokumentati fl-inventarju nazzjonali ta' proprjetà kulturali;

"Fond" tfisser il-Fond dwar il-Patrimonju Kulturali mwaqqaf bl-artikolu 16 ta' dan l-Att;

"Forum" tfisser il-Forum Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali mwaqqaf fl-artikolu 15 ta' dan l-Att;

"funzjoni" tinkludi kull responsabbiltà, poter u dmir;

Kap. 226.

"ibħra territorjali" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u tinkludi l-ibħra kollha li jinsabu bejn il-linji bażi hemm imsemmija u l-kosta;

"investigazzjoni" tfisser kull attività għall-fini li tinkiseb u tiġi reġistrata informazzjoni li jkollha x'taqsam mal-patrimonju kulturali u tinkludi kull xogħol għall-finijiet li jiġu identifikati, skoperti, skavati, mikxufa, rkuprati u mneħħija kull oġġett jew materjal li jkunu sitwati fi, fuq jew taħt xi proprjetà kulturali;

"jikkoordina" tfisser l-iskambju ta' veduti bil-fomm jew bil-miktub, qabel ma tittieħed xi deċiżjoni jew titwettaq xi azzjoni, bil-għan li jiġu evitati konflitti, ħela u żbalji jew sabiex jinsab rimedju għalihom;

"konservatur-restawratur" tfisser persuna kwalifikata professjonalment li tkun detentur ta' *warrant* taħt dan l-Att;

"konservazzjoni" tfisser attività meħtieġa biex kemm jista' jkun tkabbar ir-reżistenza jew tnaqqas id-deterjorament ta' proprjetà kulturali, u tinkludi l-eżami, ttestjar, kkurar, reġistrazzjoni u preservazzjoni ta' kull tali proprjetà kulturali jew xi parti minnha;

"konservazzjoni integrata" tfisser dik il-firxa sħiħa ta' miżuri li għandhom l-iskop li jassiguraw it-tkomplija ġejjiena tal-patrimonju kulturali, li dan jinżamm hekk li jagħmel parti minn ambjent adatt, sew jekk magħmul mill-bniedem sew jekk naturali, l-utilizzazzjoni tiegħu u l-adattament tiegħu għall-ħtiġiet tas-soċjetà. Dak l-għan għandu jinkiseb permezz ta' l-għoti ta' ħajja mill-ġdid u ta' l-integrazzjoni tal-patrimonju kulturali fi ħdan l-ambjent fiżiku tas-soċjetà tal-lum u bl-assenjazzjoni ta' funzjoni soċjali għal dak il-patrimonju kulturali li jkun kompatibbli mad-dinjità tiegħu u mal-qagħda li jkollu;

"il-Kumitat" tfisser il-Kumitat ta' Garanzija mwaqqaf bl-artikolu 14 ta' dan l-Att;

Kap. 363.

"Kunsill Lokali" tfisser xi kunsill lokali mwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali;

"kurazija" u "att ta' kurazija" għandu jkollhom it-tifsira rispettivament mogħtija lilhom fl-artikolu 48;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali, u tinkludi, fil-limitu ta' kull awtorità mogħtija, kull min ikun speċifikament awtorizzat mill-Ministru għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att;

"missjoni" tfisser l-għan u l-iskop ta' organizzazzjoni;

"mużew" tfisser istituzzjoni permanenti fis-servizz ta' soċjetà u ta' l-iżvilupp tagħha, u miftuħa għall-pubbliku, li takkwista, tiġbor, tikkonserva, tagħmel riċerka, tiddokumenta, tikkomunika u tesibixxi għall-fini ta' studju, edukazzoni u tgawdija tal-patrimonju kulturali u informazzjoni assoċjata ta' l-umanità u ta' l-ambjent relattiv għall-benefiċċju pubbliku;

"Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 47 ta' dan l-Att;

"patrimonju kulturali" tfisser oġġetti mobbli jew immobbli ta' importanza artistika, arkitettonika, storika, arkeoloġika, etnografika, paleontoloġika u ġeologika u tinkludi informazzjoni jew *data* relattivi għall-patrimonju kulturali li jappartjeni lil Malta jew lil xi pajjiż ieħor. Dan jinkludi wkoll siti jew depożiti arkeoloġiċi, paleontoloġiċi jew ġeoloġiċi, paesaġġ, gruppi ta' bini, kif ukoll kollezzjonijiet xjentifiċi, kollezzjonijiet ta' oġġetti artistiċi, manuskritti, kotba, materjal ippubblikat, arkivji, materjal awdjo-viżiv u riproduzzjonijiet ta' xi waħda minn dawn hawn qabel imsemmija, jew kollezzjonijiet ta' valur storiku, kif ukoll assi kulturali intanġibbli li jinkludi l-arti, it-tradizzjonjiet, id-drawwa u l-ħiliet li jintużaw fl-arti dimostrattiva, fl-arti applikata u fl-artiġġjanat u assi intanġibbli oħra li għandhom valur storiku, artistiku jew etnografiku;

"preskritt" tfisser preskritt taħt dan l-Att;

"proprjetà kulturali" tfisser proprjetà mobbli jew immobbli li tagħmel parti mill-patrimonju kulturali;

"pussessur" tfisser min fiżikament ikollu l-oġġett kulturali f'ismu proprju;

"restawr" tfisser attività ta' speċjalizzazzjoni għolja għall-konservazzjoni ta' l-integrità tal-patrimonju kulturali, li toħroġ il-valuri u ttejjeb il-mod kif jinqara l-istat, il-forma u d-disinn oriġinali, fil-parametri ta' materjal li jkun għadu jeżisti. Dik l-attività għandha tkun imsejsa fuq proċess kritiku u storiku ta' valutazzjoni u mhux fuq konġettura;

"sena finanzjarja" tfisser il-perjodu ta' tnax-il xahar li jtemm fit-tletin jum ta' Settembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja għar-rigward ta' xi Entità tkun tikkonsisti fil-perjodu li jibda għaddej fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-artikoli relattivi ta' dan l-Att li jkunu jirreferu għal dik l-Entità, u li jtemm fit-tletin jum ta' Settembru tas-sena ta' wara;

"sid" dwar proprjetà kulturali tinkludi *directus dominus, sub directus dominus*, enfitewta, sub-enfitewta, min ikollu l-proprjetà nuda u użufruttwarju;

"sorveljanza" tfisser attività mis-Sovrintendenza li tkun tinkludi attività li jkollha x'taqsam mal-kontroll, direzzjoni, sorveljar, regolament, investigazzjoni u reġistrar tal-patrimonju kulturali, u tinkludi kull attività li jkollha x'taqsam ma' dan;

"Sovrintendenza" tfisser is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mwaqqfa bl-artikolu 7 u "Sovrintendent" tfisser is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali msemmi fl-istess l-artikolu;

"uffiċjal" u "impjegat" tinkludi uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet f'xi Entità, Kumitat jew korp imwaqqaf taħt dan l-Att;

"uffiċjal pubbliku" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"*warrant*" tfisser *warrant* li jingħata skond it-Taqsima VI ta' dan l-Att, u detentur ta' *warrant* għandha tiftiehem skond hekk;

"żona kontigwa" għandha t-tifsira kif mogħtija lilha bl-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa; Kap. 226.

"żvilupp" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Kap. 356.

Oġġetti li dwarhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Att, oġġett ma jitqiesx li jkun jagħmel parti mill-patrimonju kulturali kemm-il darba dan ma jkunx eżista f'Malta, inklużi l-ibħra territorjali tagħha, jew f'xi pajjiż ieħor, għal ħamsin sena, jew kemm-il darba ma jkunx oġġett ta' valur kulturali, artistiku, storiku, etnografiku, xjentifiku jew industrijali, ukoll jekk kontemporanju, li għandu jiġi preservat.

TAQSIMA II
PRINĊIPJI U DMIRIJIET ĠENERALI

Prinċipji u dmirijiet.

4. (1) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli l-oħra ta' din it-Taqsima m'għandhomx ikunu esegwibbli f'xi qorti tal-ġustizzja, madankollu l-prinċipji li jinsabu fiha huma fondamentali għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u tkun il-mira ta' l-Istat li japplikhom u li jiggwida ruħu bihom.

(2) Kull ċittadin ta' Malta kif ukoll kull min ikun preżenti f'Malta għandu jkollu d-dmir li jipproteġi l-patrimonju kulturali kif ukoll id-dritt li jibbenefika minn dan il-patrimonju kulturali permezz tat-

tagħlim u tat-tgawdija. Il-patrimonju kulturali huwa assi ta' valur spiritwali, kulturali, soċjali u ekonomiku li ma jistax jiġi mibdul, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tiegħu huma indispensabbli għal ħajja bilanċjata u kompluta.

(3) L-Istat Malti jkollu d-dmir jistabbilixxi u jżomm strutturi amministrattivi u regolatorji ta' sovrintendenza sabiex jiżgura li dan il-patrimonju ikun protett u konservat, kif ukoll jaħseb għal dawk l-istrutturi l-oħra li jkunu meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-kura, espożizzjoni u apprezzament ta' dan il-patrimonju.

(4) Id-dmir li tipproteġi jinkludi d-dmir li tiddokumenta, tikkonserva, tagħmel manutenzjoni, tirrestawra u jinkludi d-dmir ta' intervent meta jitqies li jkun hekk meħtieġ, inklużi f'ċirkostanzi ta' użu mhux kif imiss, nuqqas ta' konservazzjoni jew applikazzjoni ta' metodi ta' konservazzjoni mhux kif għandhom ikunu. Dak id-dmir li tipproteġi jinkludi wkoll id-dmir ta' inkoraġġiment ta' l-użu sostenibbli u ż-żamma fi stat tajjeb tar-riżorsa ta' patrimonju kulturali, skond il-prinċipji ta' konservazzjoni integrata, inkluż:

(a) l-inkoraġġiment ta' l-integrazzjoni ta' pratki ta' konservazzjoni u ta' tmexxija għar-rigward tal-patrimonju kulturali f'kull livell ta' gvern, gvern lokali, is-settur privat u tal-volontarjat;

(b) l-aċċertament li l-konservazzjoni, it-tmexxija u inizjattivi oħra li jolqtu l-patrimonju kulturali jkunu jqisu kull politika ta' inklużjoni soċjali;

(ċ) l-aċċertament li l-konservazzjoni, l-ippjanar ta' l-art u inizjattivi oħra li jkunu jolqtu nħawi ta' patrimonju kulturali jkunu jqisu n-nisġa soċjali ta' komunitajiet eżistenti u jkunu jħabirku biex itejbu l-kondizzjonijiet ta' għajxien għal kull livell tas-soċjetà. Dawk l-inizjattivi għandhom jiżguraw, fejn ikun possibbli, li ma jwasslux għal bidliet negattivi fin-nisġa soċjali tal-popolazzjoni ta' xi lokalità, tkun liema tkun, fejn isir xi intervent;

(d) il-promozzjoni ta' għarfien pubbliku dwar ir-rikkezza u l-firxa ta' patrimonju kulturali bħala parti intrinsika mill-ambjent tal-bniedem, u tal-bżonn li ssir ħidma biex ma jitbaxxewx dawk l-istess assi ta' patrimonju kulturali li fuqhom tkun tiddependi l-kwalità ta' dak l-istess ambjent, kif ukoll tar-raġunijiet kulturali, ekonomiċi u soċjali li jkunu jiġġustifikaw il-protezzjoni relattiva;

(e) il-konsiderazzjoni ta' problemi speċjali tal-konservazzjoni, manutenzjoni u tmexxija tal-patrimonju kulturali f'politika dwar dak kollu li jirrigwarda t-tniġġis ta' l-ambjent;

(f) il-promozzjoni ta' politika fiskali u finanzjarja li tinkoraġġixxi sidien ta' patrimonju kulturali li jżommu fi stat tajjeb, jikkonservaw, jipproteġu u jagħmlu użu kif imiss ta' dik il-proprjetà.

(5) Id-dmir li tagħmel aċċessibbli jinkludi d-dmir li tesibbixxi, tagħmel riċerka, tirrendi aċċessibbli għal riċerka, studju u tgawdija, il-patrimonju kulturali u li jinġieb 'il quddiem l-għarfien, l-apprezzament u l-konoxxenza ta' dan il-patrimonju fil-parametri tal-prinċipju ta' inklużjoni soċjali. Il-jedd ta' aċċess għal u benefiċċju minn dan il-patrimonju kulturali ma jappartjenix unikament għall-ġenerazzjoni preżenti. Kull ġenerazzjoni jkollha d-dmir li tipproteġi dan il-patrimonju u li tagħmlu aċċessibbli għal ġenerazzjonijiet fil-ġejjieni u għall-umanità kollha.

5. Fit-twettiq ta' dmirijietu l-Istat jista' jiddelega kull dmir minn dawk stipulati fl-artikolu 4 lil Entitajiet li jkunu diġà jeżistu, jew lil entitajiet oħra pubbliċi jew mhux statali li jistgħu jkunu mwaqqfa għal dak l-iskop, iżda l-Istat għandu: Kondizzjonijiet.

(a) jippubblika l-kondizzjonijiet li taħthom dik id-delega tkun mogħtija;

(b) jirriserva l-proprjetà pubblika ta' dak kollu li jitqiegħed f'fedekommess b'dik id-delega;

(ċ) jirriserva l-jedd ta' sovrintendenza.

6. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali u l-aċċessibilità għalih għandhom jingħataw prijorità għolja ħafna meta tkun qed tiġi deċiża xi tkun il-politika pubblika f'kull qasam ta' attività f'Malta. Prijorità lill-Patrimonju Kulturali.

TAQSIMA III
KOSTITUZZJONI, KOMPOŻIZZJONI U FUNZJONIJIET TA' L-ENTITAJIET

7. (1) Ikun hemm Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, taħt ir-responsabbiltà u l-amministrazzjoni tas-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali. Il-missjoni tas-Sovrintendenza tkun li twettaq id-dmirijiet ta' l-Istat dwar il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u l-aċċessibilità għalih, kif imfisser f'dan l-Att. Sovrintendenza.

(2) Is-Sovrintendenza tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet Personalità ġuridika u rappreżentanza legali.

tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha u li tagħmel dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eserċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-Sovrintendenza tvesti fis-Sovrintendent iżda s-Sovrintendent jista' jaħtar lil xi ħadd, inkluż xi uffiċjal jew impjegat wieħed jew iktar tas-Sovrintendenza, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

Ħatra ta' Sovrintendent.

(4) Is-Sovrintendent jinħatar mill-Ministru għal perjodu ta' mhux iżjed minn ħames snin taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif stabbilit fl-ittra tal-ħatra tiegħu. Meta jagħlqilha ż-żmien tal-kariga persuna tista' terġa tinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

Funzjonijiet u dmirijiet tas-Sovrintendenza.

(5) Tkun il-funzjoni tas-Sovrintendenza:

(a) li tistabbilixxi, taġġorna, tamministra u, meta jidhrilha xieraq, tippubblika, jew tiżgura li ssir il-kompilazzjoni ta', inventarju nazzjonali ta' dik il-proprjetà kulturali li tkun tappartjeni:

(i) lill-Istat jew istituzzjonijiet ta' l-Istat,

(ii) lill-Knisja Kattolika u lil denominazzjonijiet reliġjużi oħra,

(iii) lil Fondazzjonijiet stabbiliti f'dawn il-gżejjer,

(iv) lil persuni fiżiċi u ġuridiċi meta l-proprjetà kulturali tkun saret aċċessibbli għall-pubbliku, jew meta dawk il-persuni jkunu taw il-kunsens tagħhom għal dak l-għan;

(b) li twettaq sorveljanza fuq il-protezzjoni, konservazzjoni, restawr, manutenzjoni, esibizzjoni u aċċessibilità ta' proprjetà kulturali;

(ċ) li tippromwovi riċerka fil-qasam tal-patrimonju kulturali u li tagħmel skavi u investigazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġu skoperti, jingħataw attenzjoni u jkunu apprezzati oġġetti jew aspetti tal-patrimonju kulturali;

(d) li tawtorizza skavi, kif ukoll li tissorvelja l-iskavi b'hekk li tiżgura li dawk l-iskavi, id-dokumentazzjoni tagħhom u l-esibizzjoni tar-riżultati relattivi jkunu skond metodi xjentifiċi u li tintuża l-aħjar teknoloġija possibbli;

(e) li tiżgura li tinżamm u tiġi arkivjata dokumentazzjoni adegwata dwar l-iskavar, l-esplorazzjoni u t-tfittxija għall-antikitajiet, il-konservazzjoni ta' proprjetà kulturali u skoperti li jirriżultaw minn Stimi ta' l-Impatt fuq l-Ambjent;

(f) li tippromwovi u tassigura l-aħjar politika, livelli u pratka għall-konservazzjoni u l-preżentazzjoni ta' artefatti, kollezzjonijiet, mużewijiet, bini, monumenti u siti;

(ġ) li tagħti parir u tikkoordina flimkien ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar kull azzjoni għas-salvagwardja tal-patrimonju kulturali meta jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet għal xi permessi ta' l-ippjanar li jkollhom x'jaqsmu ma' żvilupp li jkun jolqot oġġetti, siti, bini jew paesaġġ li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali;

(ħ) li tagħti parir lill-Ministru dwar il-koperazzjoni ma' gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra fil-qasam tal-protezzjoni tal-patrimonju kulturali;

(i) wara li tikkonsulta lill-Kumitat, li tagħti parir lill-Ministru dwar il-ħtieġa li jiġu infurzati xogħlijiet urġenti ta' tiswija jew konservazzjoni skond l-artikolu 42, kif ukoll dwar il-ħtieġa għall-akkwist mġiegħel ta' siti jew bini mill-Gvern skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, għall-aħjar protezzjoni tal-patrimonju kulturali; Kap. 88.

(j) b'mod ġenerali biex tagħti pariri lill-Ministru fuq kull kwistjoni għar-rigward tal-patrimonju kulturali u l-proprjetà kulturali;

(k) biex taqdi kull funzjoni oħra bħal dawk taħt din il-liġi jew kull liġi oħra kif ukoll dawk il-funzjonijiet l-oħra kollha li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalha.

Aġenzija Operattiva.

8. (1) Ikun hemm Aġenzija Operattiva hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsemmija l-Aġenzija li tkun magħrufa bħala "Patrimonju Malta". Il-missjoni ta' l-Aġenzija tkun li tiżgura li dawk l-elementi tal-patrimonju kulturali fdati lilha jkunu protetti u jisru aċċessibbli għall-pubbliku, kif provdut f'dan l-Att.

(2) L-Aġenzija tkun korp magħqud li jkollu personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek u tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet kollha kif ukoll dawk it-transazzjonijiet li huma

inċidentali jew li jwasslu għall-eserċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

Rappreżentanza legali u ġudizzjarja.

(3) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' l-Aġenzija tvesti fil-President, iżda l-President jista' jaħtar lill-Uffiċjal Ewlieni Esekuttiv jew xi wieħed jew iktar mill-uffiċjali jew impjegati ta' l-Aġenzija, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun.

Funzjonijiet ta' l-Aġenzija.

(4) Tkun il-funzjoni ta' l-Aġenzija:

(a) li tiżgura li mużewijiet, kollezzjonijiet, siti, bini u proprjetà, mobbli jew immobbli, li jifformaw parti mill-patrimonju kulturali, li jkunu proprjetà tagħha jew inkella amministrati minnha, jkunu konservati, restawrati, amministrati, immexxija, operati, imqegħda fis-suq, studjati u ppreżentati għall-esibizzjoni, bl-aħjar mod possibbli;

(b) li takkwista bi proprjetà jew bħala oġġetti fdati f'idejha, kollezzjonijiet ta' oġġetti, siti, bini, għall-mużewijiet, kollezzjonijiet, siti u bini;

(ċ) li twettaq, f'kull każ taħt is-sorveljanza tas-Sovrintendent, jew tikkummissjona r-restawr jew konservazzjoni, ta' proprjetà kulturali li tkun proprjetà jew xort'oħra miżmuma jew amministrata minnha;

(d) li tikkoordina ma' l-Awtorità dwar it-Turiżmu ta' Malta, ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar u ma' korpi oħra involuti, miżuri li jitqiesu meħtieġa sabiex oġġetti, siti u bini ta' patrimonju kulturali jkunu protetti u jsiru aċċessibbli permezz ta' kull konservazzjoni, manutenzjoni, restawr, esibizzjoni u promozzjoni meħtieġa;

(e) li tippromwovi konoxxenza, edukazzjoni, apprezzament u tgawdija pubblika tal-patrimonju kulturali;

(f) b'koordinament mas-Sovrintendenza tikkonsulta mal-kunsilli lokali fil-ħarsien tal-patrimonju kulturali fil-lokalità tagħhom; u

(ġ) li twettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jassenjalha.

(5) (a) Bil-għan li jiġu żgurati l-aħjar konservazzjoni, restawr, tmexxija, amministrazzjoni, *marketing*, esibizzjoni, preżentazzjoni jew studju ta' xi qasam partikolari tal-patrimonju kulturali, l-Aġenzija tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, u f'konsultazzjoni mas-Sovrintendent, jew tiddelega l-funzjonijiet tagħha lil xi enti eżistenti jew lil xi enti li għad trid tiġi mwaqqfa, sew pubblika sew privata, jew lil xi soċjetà msieħba magħha, kif ikun meħtieġ, u f'kull każ taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti mis-Sovrintendent u approvati u ppubblikati mill-Ministru fil-Gazzetta, b'dana però illi fejn id-delega fuq imsemmija tkun tikkonsisti f'att ta' kurazija għandhom jiġu segwiti l-provvedimenti ta' l-artikolu 48 ta' dan l-Att .

(b) L-Aġenzija tista', meta jkun adatt, twettaq ukoll il-funzjonijiet tagħha direttament permezz tar-riżorsi tagħha nnifisha.

(6) L-Aġenzija għandha tagħti lis-Sovrintendent kull informazzjoni li huwa jista' jeħtieġ sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

Bord tad-Diretturi.

9. (1) L-Aġenzija tkun regolata minn Bord tad-Diretturi magħmul minn mhux inqas minn ħames membri u mhux iktar minn disa' membri, li wieħed minnhom ikun il-President, ieħor il-Viċi President, u ieħor nominat mill-Ministru responsabbli għal Għawdex.

(2) Il-membri tal-Bord jinħatru mill-Ministru għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin imma mhux iżjed minn ħames snin kif jista' jkun deċiż fl-ittra tal-ħatra tagħhom. Membri tal-Bord jistgħu, meta jiskadi ż-żmien tal-kariga tagħhom, jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu:

(a) li jiddeċiedi l-politka u l-istrateġija ta' l-Aġenzija;

(b) li jimpjega u jmexxi r-riżorsi umani meħtieġa biex jikseb il-miri ta' l-Aġenzija;

(ċ) li jiżgura l-amministrazzjoni finanzjarja xierqa ta' l-Aġenzija;

(d) li jiżgura l-kollaborazzjoni mal-korpi lokali u barranin li tkun meħtieġa sabiex jinkisbu l-miri ta' l-Aġenzija.

(4) Il-Bord għandu jaħtar Uffiċjal Ewlieni Esekuttiv li jkun responsabbli lejn il-President u l-Bord u li jkun maħtur għal perjodu ta'

mhux inqas minn tliet snin taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kif stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tiegħu. Meta jagħlqilha ż-żmien tal-kariga, persuna tista' terġa tinħatar għal perjodu jew perjodi ulterjuri.

(5) Is-seduti tal-Bord jitlaqqgħu mill-President, sew fuq inizjattiva tiegħu sew fuq talba ta' xi tnejn mill-membri l-oħra.

(6) Nofs l-għadd ta' membri li f'dak il-waqt jikkostitwixxu l-Bord jagħmlu quorum. Id-deċiżjonijiet ikunu adottati waqt seduta li fiha jkun hemm quorum b'maġġoranza sempliċi tal-membri presenti u votanti. Il-President għandu jkollu vot bħal kulħadd u, f'każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(7) Membru li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew f'xi azzjoni oħra magħmulin jew proposti li jsiru mill-Aġenzija, meta jkun hemm tali interess, għandu jiżvela ix-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Bord wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dak il-kxif għandi jitniżżel fil-minuti tas-seduta, u tali membru għandu jirtira minn seduta filwaqt li dik il-kwistjoni tkun qegħda tiġi diskussa jew deċiża mill-Bord.

(8) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(9) Dokument li jġiegħlek taħseb li jkun istrument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija u ffirmat mill-president f'isimha għandu jiġi riċevut bi prova u għandu, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, jitqies bħala istrument magħmul jew maħruġ mill-Aġenzija.

Ċentru Malti għar-Restawr.

10. (1) (a) Iċ-Ċentru Malti għar-Restawr imwaqqaf mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni flimkien ma' l-Università ta' Malta qiegħed b'dan jerġa' jiġi mwaqqaf u rikostitwit bħala korp magħqud b'personalità ġuridika distinta li jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jikseb, iżomm u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u jiġi mħarrek, u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u li jagħmel dawk it-transazzjonijiet li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eserċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(b) Il-missjoni taċ-Ċentru hi li dan isir ċentru ta' eċċellenza għat-tagħlim, taħriġ, riċerka u prattika tal-konservazzjoni, restawr, manutenzjoni, tmexxija u preżentazzjoni tal-patrimonju kulturali, u biex jipprovdi servizzi u konsultazzjoni, dwar il-konservazzjoni u restawr skond ma jista' jkun meħtieġ minn korpi oħra, kemm pubbliċi u kemm privati.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika taċ-Ċentru tvesti fil-President, iżda l-President jista' jaħtar lid-Direttur jew lil xi wieħed jew iktar mill-uffiċjali jew impjegati taċ-Ċentru, biex jidher f'isimha u għaliha f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ta' liema xorta jkun. Rappreżentanza legali.

(3) Iċ-Ċentru jkun regolat minn Bord ta' Gvernaturi (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ il-Bord) magħmul minn mhux inqas minn ħames u mhux iktar minn disa' membri, li jkun magħmul kif ġej: Bord ta' Gvernaturi.

(i) President u membru wieħed ieħor li jinħatar mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta;

(ii) żewġ membri li jinħatru mill-Ministru;

(iii) membru li jinħatar mill-Ministru responsabbli għall-ambjent;

(iv) sa erba' membri nominati mill-Bord, minn fost l-istituzzjonijiet li jikkoperaw maċ-Ċentru, u maħtura mill-Ministru flimkien ma' l-Università ta' Malta.

Il-President u l-membri tal-Bord, għandhom jinħatru jew jintgħażlu, skond il-każ, għal perjodu ta' tliet snin li jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin kull wieħed.

(4) Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu -

(a) li jiddeċiedi l-politka u l-istrateġija taċ-Ċentru;

(b) li jimpjega u jmexxi ir-riżorsi umani meħtieġa biex jinkisbu l-miri taċ-Ċentru;

(ċ) li jiżgura l-amministrazzjoni finanzjarja xierqa taċ-Ċentru;

(d) li jiżgura kollaborazzjoni ma' korpi lokali u barranin, meħtieġa biex jinkisbu l-miri taċ-Ċentru.

(5) Il-Bord għandu jaħtar Direttur taċ-Ċentru li jkun l-Uffiċjal Ewlieni Esekuttiv taċ-Ċentru u li jkun responsabbli lejn il-President u l-Bord.

(6) Is-seduti tal-Bord jitlaqqgħu mill-President kemm b'inizjattiva tiegħu kemm fuq talba ta' xi tnejn mill-membri l-oħra.

(7) Tliet membri tal-Bord jagħmlu *quorum* fis-seduti tiegħu. Id-deċiżjonijiet ikunu adottati waqt seduta li fiha jkun hemm *quorum* b'maġġoranza sempliċi tal-membri presenti u votanti. Il-President, jew persuna oħra li tkun qed tippresjedi s-seduta, għandu jkollhom vot bħal kulħadd u, f'każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(8) Membru li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew f'xi azzjoni oħra magħmula jew proposta li ssir miċ-Ċentru, għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Bord wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dak il-kxif għandi jitniżżel fil-minuti tas-seduta u tali membru għandu jirtira minn seduta waqt li dak il-kuntratt ikun qiegħed jiġi diskuss jew deċiż mill-Bord.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti, il-Bord jista' jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(10) Dokument li jġiegħlek taħseb li jkun istrument magħmul jew maħruġ miċ-Ċentru u ffirmat mill-President f'ismu jista' jinġieb bi prova u għandu, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, jitqies bħala istrument magħmul jew maħruġ miċ-Ċentru.

Funzjonijiet taċ-Ċentru.

11. Il-miri u l-funzjonijiet taċ-Ċentru jkunu:

(a) li jagħmilha ta' aġenzija nazzjonali għall-konsultazzjoni sew għall-pubbliku sew għal setturi privati fuq kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u r-restawr;

(b) li jagħti pariri, wara konsultazzjoni mas-Sovrintendenza, lill-Gvern dwar politika ta' konservazzjoni u restawr li tkun tkopri l-gżejjer ta' Malta u jidentifika l-prijoritajiet u l-bżonnijiet speċjali;

(ċ) li jagħti pariri u jirranġa għar-restawr barra minn Malta ta' dawk l-artefatti li ma jistgħux jiġu restawrati lokalment;

(d) li jidħol għal proġetti ta' konservazzjoni f'Malta u barra mill-pajjiż u jipprovdi servizzi ta' amministrazzjoni għal proġetti ta' konservazzjoni u restawr lil klijenti fis-settur kemm pubbliku kemm privat sew f'Malta sew barra l-pajjiż;

(e) li jistabbilixxi u jmantni kull sistema meħtieġa, speċjalment *databases* dwar il-konservazzjoni, meħtieġa għall-organizzazzjoni, ppjanar, koordinament, kontroll, sorveljar u b'mod ġenerali li jidħol għal proġetti ta' restawr;

(f) li jagħmel riċerka u jiżviluppa metodoloġija ta' amministrazzjoni ta' proġetti ta' restawr;

(ġ) li jistabbilixxi u jmantni laboratorji xjentifiċi djanjostiċi;

(ħ) li jistabbilixxi u jmantni dipartiment ta' dokumentazzjoni fejn tiġi fdata d-dokumentazzjoni xjentifika ta' proġetti ta' konservazzjoni;

(i) li jippromwovi, jistabbilixxi, u jmantni faċilitajiet ta' tagħlim għat-taħriġ ta' studenti sa livelli professjonali rikonoxxuti internazzjonalment fl-arti u x-xjenzi tal-konservazzjoni u r-restawr;

(j) li jippromwovi u jikkoordina l-kisba ta' taħriġ interdixxiplinari f'livelli professjonali, tekniċi u artiġjanali f'kull aspett ta' konservazzjoni u restawr; u

(k) li jippromwovi u jorganizza l-attivitajiet ta' tagħlim u ċertifikazzjoni tiegħu fil-parametri tar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Kwalifiki Professjonali u Vokazzjonali ta' Malta, b'mod li jippermettu progrediment minn livelli vokazzjonali għal dawk professjonali. A.L. 215 ta' l-2000.

(l) li jidentifika ħiliet meħtieġa fis-settur kollu tal-patrimonju kulturali u l-mezzi kif dawn il-ħiliet jistgħu jkunu żviluppati, waqt li jinkoraġġixxi u jgħin ukoll żvilupp professjonali kontinwu għal dawk il-persuni li jaħdmu f'kull qasam tas-settur.

Strateġija Nazzjonali dwar il-Patrimonju Kulturali.

12. (1) Il-Ministru għandu jipprepara dokument ta' politika li jkun jagħti ħjiel fuq Strateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali. Fit-tħejjija ta' dak id-dokument il-Ministru għandu jikkonsulta l-Entitajiet kollha mwaqqfa taħt dan l-Att u dawk l-aġenziji l-oħra, sew pubbliċi sew xort'oħra, li l-Ministru jista' jqis li għandhom jiġu kkonsultati. Il-Ministru għandu jpoġġi dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif ikun lest, u l-Kamra għandha tiddedika seduta waħda għad-diskussjoni.

(2) Il-Ministru għandu jirrevedi dik l-istrateġija kull meta jista' jkun meħtieġ, u f'kull każ iżda mhux inqas minn darba kull ħames snin:

Iżda l-ewwel Dokument ta' Strateġija għandu jiġi abbozzat fi żmien tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Relazzjonijiet mal-Ministru.

(3) Fl-eserċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, is-Sovrintendenza, l-Aġenzija u ċ-Ċentru għandhom:

(a) jagħtu effett, kemm jista' jkun malajr, lil xi ordni, li ma tkunx inkonsistenti ma' xi disposizzjoni ta' dan l-Att li l-Ministru jista' jagħti lis-Sovrintendenza, l-Aġenzija u ċ-Ċentru Malti għar-Restawr dwar il-politka li għandha tiġi segwita minnhom fit-twettiq tal-funzjonijiet, u dwar kull ħaġa li l-Ministru jkun jidhirlu li taffettwa l-patrimonju kulturali;

(b) jipprovdu lill-Ministru faċilitajiet għall-ksib ta' informazzjoni għar-rigward tal-proprjetà u l-attivitajiet tas-Sovrintendenza, l-Aġenzija u ċ-Ċentru u għal dan l-għan is-Sovrintendenza, l-Aġenzija u ċ-Ċentru għandhom kull wieħed jgħaddi lill-Ministru prospetti, kontijiet u kull informazzjoni oħra dwar il-funzjonijiet tagħhom, u jipprovdu faċilitajiet għall-verifika ta' kull informazzjoni mogħtija, b'dak il-mod u f'dawk il-perjodi li l-Ministru jista' jeħtieġ.

Eżenzjoni minn xi taxxi.

13. Is-Sovrintendenza, l-Aġenzija u ċ-Ċentru jkunu eżenti mir-responsabbiltà li jħallsu ta' kull taxxa, minbarra d-dazju tad-dwana jew tas-sisa, jew taxxa fuq l-*income* jew fuq id-dokumenti li f'dak il-waqt ikunu fis-seħħ f'Malta.

Il-Kumitat ta' Garanzija.

14. (1) Ikun hemm Kumitat ta' Garanzija, li jkun magħmul hekk:

(a) President li jkun maħtur mill-Ministru;

(b) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għat-turismu;

(ċ) persuna maħtura mill-Minstru responsabbli għall-ambjent;

(d) persuna maħtura mill-Ministru responsabbli għal Għawdex;

(e) is-Sovrintendent *ex officio*;

(f) il-President ta' l-Aġenzija *ex officio;*

(ġ) il-President taċ-Ċentru *ex officio*;

(ħ) iċ-*Chairman* ta' l- Awtorità ta' l-Ippjanar *ex officio*;

(i) membru tal-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku msemmija fl-artikolu 52 ta' dan l-Att li jinħatar mill-awtorità ekklesjastika lokali kompetenti;

(j) tliet persuni oħra maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jaħdmu fil-qasam tal-patrimonju kulturali u f'organizzazzjonijiet mhux governattivi ddedikati għall-patrimonju kulturali u persuna oħra attiva fil-qasam kummerċjali.

(2) Il-President tal-Kumitat u l-membri msemmija fil-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) jinħatru għal perjodu ta' tliet snin u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura għal iktar perjodi kull wieħed ta' tliet snin.

(3) Il-Kumitat jiltaqa' ta' l-inqas darba kull xahrejn. Is-seduti jitlaqqgħu mill-President kemm b'inizjattiva tiegħu kemm fuq talba ta' xi tlieta mill-membri l-oħra.

(4) Ħames membri jagħmlu *quorum* u d-deċiżjonijiet ikunu adottati b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tal-Kumitat. Il-President għandu jkollu vot bħal kulħadd u f'każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għal dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti, l-Kumitat għandu jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

Funzjonijiet tal-Kumitat.

(6) Il-Kumitat għandu:

(a) mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jikkoordina l-Entitajiet imwaqqfa taħt l-artikoli 7, 8 u 10 ta' dan l-Att;

(b) jiżgura li jkun hemm, u jiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji differenti li jkollhom responsabbiltà diretta jew indiretta għall-protezzjoni u l-amministrazzjoni tas-settur tal-patrimonju kulturali;

(ċ) jagħti pariri lill-Gvern fuq l-Istrateġija Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali, u sussegwentement jissorvelja u jsegwi l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija kif adottata mill-Gvern u skond id-direzzjoni tal-Ministru;

(d) jiġbed l-attenzjoni tal- Gvern jew ta' xi organizzazzjoni jew persun dwar xi azzjoni urġenti li tista' tkun meħtieġa fil-qasam tal-patrimonju kulturali;

(e) jiltaqa' regolarment u jikkonsulta, mill-inqas, kull erba' xhur, ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu qegħdin joperaw fil-qasam tal-patrimonju kulturali u ma' dawk li joperaw fis-settur kummerċjali;

(f) jagħti pariri lill-Ministru fuq kull ħaġa li toriġina mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u fuq kull ħaġa oħra li tiġi lilu riferita mill-Ministru.

(7) Membru li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt jew f'xi azzjoni oħra magħmula jew proposta li ssir mill-Kumitat, għandu jiżvela x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel seduta tal-Kumitat wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti. Dawk il-kxif għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta u tali membru għandu jirtira mis-seduta waqt li dak il-kuntratt jew azzjoni tkun qed tiġi diskussa jew deċiża mill-Kumitat.

Fond dwar il-Patrimonju Kulturali.

15. (1) Ikun hemm Fond li jkun magħruf bħala l-Fond dwar il-Patrimonju Kulturali, li jkunu korp magħqud b'personalità ġuridika distinta, u li jirċievi u jamministra l-ammonti ta' flus kollha mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi Att ieħor, kif ukoll flejjes oħra jew oġġetti oħra mobbli jew immobbli li jistgħu jiġu mogħtijin b'rigal minn sorsi mhux governattivi.

(2) Il-Fond ikun amministrat mill-Kumitat ta' Garanzija.

(3) L-ammonti ta' flus fil-Fond jistgħu unikament jintużaw għal skopijiet ta' riċerka, konservazzjoni jew restawr tal-patrimonju kulturali.

(4) Għandha tiġi ppreżentata lill-Ministru dikjarazzjoni annwali ta' l-amministrazzjoni tal-Fond li titqiegħed minnu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Forum nazzjonali.

16. (1) Il-Ministru għandu, darba fis-sena jlaqqa' Forum Nazzjonali għall-Patrimonju Kulturali fejn jistieden il-parteċipazzjoni fiha tas-Sovrintendenza, l-Aġenzija, iċ-Ċentru, l-Kumitat, il-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku, l-Kummissjonijiet għall-Patrimonju Kulturali Reliġjuż, jekk ikun hemm, dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern, is-Sindki ta' kull Kunsill Lokali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu qegħdin jirrappreżentawhom li jkunu reġistrati mas-Sovrintendenza bħala organizzazzjonijiet li għandhom bħala skop il-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, l-Università ta' Malta, istituzzjonijiet edukattivi oħra, speċjalisti, konsulenti, rappreżentanti tas-settur kummerċjali, u kull parti oħra li turi lill-Ministru bil-miktub li għandha interess.

(2) Il-President tal-Forum jinħatar mill-Ministru.

(3) Il-Forum jiddiskuti l-istat tal-patrimonju kulturali b'mod ġenerali wara li jisma rapport dwaru li jitħejja mis-Sovrintendent.

(4) Il-Ministru għandu jirregola l-proċeduri tal-Forum.

(5) Il-proċeduri tal-Forum għandhom ikunu ppubblikati u mibgħuta lill-Ministru u lill-Kumitat ta' Garanzija;

(6) Il-Ministru għandu jagħti avviż pubbliku bil-quddiem xahar qabel ma jiltaqa' l-Forum.

TAQSIMA IV
PROVVEDIMENTI AMMINISTRATTIVI U DWAR IL-PERSUNAL

Hatriet ta' persunal.

17. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra inkluż dan l-Att li tapplika dwar dan, il-ħatra ta' uffiċjali u ta' impjegati oħra ta' Entitajiet għandha ssir mis-Sovrintendent fil-każ tas-Sovrintendenza, mill-President tal-Bord ta' Diretturi fil-każ ta' l-Aġenzija, mill-President tal-Bord ta' Gvernaturi fil-każ taċ-Ċentru, u mill-President tal-Kumitat fil-każ tal-Kumitat jew tal-Fond. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg għandhom ikunu deċiżi minn kull Entità bl-approvazzjoni tal-Ministru.

Hatra u funzjonijiet ta' l-uffiċjali u l-impjegati.

(2) Kull Entità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet bħalma tista' skond subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tiddeċiedi, lil dawk l-uffiċjali u impjegati li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għat-twettiq kif dovut u effiċjenti tal-funzjonijiet tagħha.

Trasferiment ta' uffiċjali pubbliċi.

18. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' xi Entità, minn żmien għal żmien jordna li uffiċjal pubbliku jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Entità f'dik il-kariga u minn dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-ordni.

(2) Il-perjodu li matulu ordni kif hawn aktar qabel imsemmi għandu japplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha għandu, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew jekk xort'oħra jtemm milli jibqa' fil-kariga f'data li tiġi qabel, jkun dak li jista' jiġi speċifikat fl-ordni, kemm-il darba l-ordni ma tiġix revokata qabel mill-Prim Ministru.

Status ta' uffiċjali pubbliċi.

(3) Meta xi uffiċjal jiġi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi Entità skond dan l-Artikolu, dak l-uffiċjal għandu fiż-żmien li matulu dak l-ordni ikollu effett dwaru, jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' l-Entità imma għal kull skop ieħor għandu jibqa' u jitqies u jkun ittrattat bħala uffiċjal pubbliku.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, uffiċjal pubbliku mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmija -

(a) m'għandux filwaqt li dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment għal xi dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' servizz marbuta mal-ħatra mal-Gvern li dak l-uffiċjal pubbliku kellu f'data meta jkun ġie mqabbad jaqdi dmirijiet; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet ta' servizz jkunu inqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra mal-Gvern li kellu dak l-uffiċjal pubbliku fid-data meta jkun ġie mqabbad jaqdi dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi jew li kienu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra, matul il-perjodu msemmi, li kieku dak l- uffiċjal ma jkunx ġie mqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Entità; u

(b) ikollu jedd li jkollu s-servizz tiegħu ma' l-Entità meqjus bħala servizz mal-Gvern għall iskop ta' kull pensjoni, gratwità jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u ta' kull dritt jew privileġġ ieħor li dak l-uffiċjal pubbliku jkun intitolat għalih, u jkun responsabbli għal dak kollu li jkun responsabbli għalih, ħlief għall-fatt li jkun qiegħed jigi mqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Entità.

Kap. 93.

Kap. 58.

(5) Meta ssir applikazzjoni kif hemm provdut fis-subartikolu (4) (a) (i), għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni għal dan daqslikieku l-applikant ma kienx ġie mqabbad jaqdi dmirijiet ma' l-Entità.

(6) Kull Entità għandha tħallas lill-Gvern, fejn dan japplika, dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa tal-pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal imqabbad jaqdi dmirijiet ma' dawk l-Entitajiet kif hawn aktar qabel imsemmija matul il-perjodu li fih dak l-uffiċjal ikun hekk imqabbad jagħmel.

Offerti ta' impieg permanenti lil uffiċjali pubbliċi mqabbda jaqdu dmirijiet ma' l-Entitajiet.

19. (1) Kull Entità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil xi uffiċjal mqabbad jaqdi dmirijiet ma' dawk l- Entitajiet taħt xi disposizzjoni ta' l-artikolu 18 impieg permanenti magħha b'dik ir-rimunerazzjoni u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk gawduti minn dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta.

(2) Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jkun hemm f'xi offerta magħmula kif hawn aktar qabel imsemmi m'għandhomx ikunu hekk li jitqiesu li jkunu inqas favorevoli għaliex biss ma jkunux f'kull rigward identiċi ma' jew superjuri għal dawk gawduti mill-uffiċjal involut fid-data ta' dik l-offerta, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, kollha

flimkien, fil-fehma tal-Prim Ministru jkunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew ikbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impieg permanenti ma' xi Entità, taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), għandu għall-finijiet kollha li ma jkunx dawk ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, jitqies li jkun temm li jkun fis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal għas-servizz ma' l-Entità fid-data ta' dik l-aċċettazzjoni u għall-finijiet ta' l-imsemmija Ordinanza u ta' l-imsemmi Att, sakemm dawn japplikaw għal dak l-uffiċjal, servizz ma' dik l-Entità għandu jitqies li jkun servizz mal-Gvern fil-parametri tat-tifsiriet tagħhom rispettivament.

(4) Kull tali uffiċjal kif hawn aktar qabel imsemmi li minnufih qabel ma jaċċetta impieg permanenti ma' l-Entità kellu jedd li jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqa' hekk intitolat li jibbenefika kif hawn iktar qabel indikat għal kull fini bħallikieku s-servizz ma' l-Entitajiet kien servizz mal-Gvern.

(5) Kull Entità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu deċiżi mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa ta' pensjonijiet u gratwitajiet li jinqalgħu minn uffiċjal li jkun aċċetta impieg permanenti magħha kif hawn aktar qabel imsemmi matul il-perjodu li jibda għaddej fid-data meta dak l-uffiċjal jaċċetta.

(6) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-karigi u gradi ta' salarji ma' l-Entitajiet għandhom ikun kklassifikati fil-gradi li l-aktar jikkorrispondu fil-viċin u livelli inkrimentali fis-servizz mal-Gvern ta' Malta b'riferenza għal *job description*, kapaċitajiet, responsabbiltajiet u fatturi oħra analogi.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir mill-Bord magħmul minn president maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministeru responsabbli ċentralment għall-politka dwar il-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor maħtur mill-Entità rilevanti. Il-klassifikazzjoni tkun bla ħsara għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifika għandha ssir fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji ta' l-impjegati fis-servizz tal-Gvern, u, jew , ta' l-impjegati ta' xi Entità.

(d) Ebda kariga m'għandha tkun ikklassifikata fi grad ogħla minn dak ta' grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew dak il-grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta jiddeċiedi.

(e) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', minħabba fi klassifikazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jkun intitolat għal drittijiet taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkunu inqas favorevoli minn dawk li dwarhom dik il-persuna kienet tkun intitolata qabel dik il-klassifikazzjoni.

TAQSIMA V
PROVVEDIMENTI FINANZJARJI

L-Entitajiet jħallsu l-infieq mid-dħul.

20. (1) Mingħajr preġudizzju għal dawn il-provvedimenti li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-Entitajiet għandhom hekk imexxu l-affarijiet tagħhom li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq adatt tal-funzjonijiet tagħhom għandha, skond kemm ikun prattiku, titħallas mid-dħul tagħhom.

(2) Għal dak l-għan kull Entità għandha tiġbor dawk id-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra preskritti jew li jitqiesu li jkun preskritti minn jew taħt dan l-Att jew kull liġi oħra.

(3) Kull Entità għandha wkoll titħallas mingħand il-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti ta' flus li l-Kamra tista' minn żmien għal żmien tawtorizza li għandhom jiġu approprjati biex minnhom jitħallsu l-ispejjeż ta' xi xogħlijiet speċifikati sabiex dawn jitkomplew jew xort'oħra jsiru minnha, li jkunu xogħlijiet ta' infrastruttura jew ta' xorta kapitali simili, jew biex minnhom titħallas kull spiża li jista' jkollha u li ma tkunx tista' tħallas mid-dħul tagħha.

(4) Kull eċċess ta' dħul fuq l-infieq għandu, bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara li jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jagħti, jkun applikat minn kull Entità għal kull formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jiġu użati għall-finijiet tagħha, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-poteri mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull ordni mogħtija mill-Ministru kif hawn aktar qabel imsemmi tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'dak il-mod kif jista' jkun speċifikat fl-ordni, ta' xi parti tad-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra miġbura skond subartikolu (2) jew xi eċċess bħal dak kif hawn aktar qabel imsemmi.

(5) Il-fondi ta' xi Entità li ma jkunux minnufih meħtieġa biex minnhom issir in-nefqa jistgħu jkunu investiti b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien ikun approvat mill-Ministru.

21. (1) Għall-finijiet ta' kull ħtieġa ta' xorta kapitali, Entità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru f'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef jew tikseb flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jista' japprova bil-miktub. Poter ta' self ta' kapital.

(2) Entità tista' wkoll minn żmien għal żmien tissellef, b'*overdraft* jew xort'oħra, dawk l-ammonti li tista' teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont li jeċċedi l-ħamsin elf lira, tenħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

22. Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta lill-Ministru, jgħaddi flus bil-quddiem lil xi Entità ta' dawk l-ammonti li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jaqbel li jkunu meħtieġa minn dik l-Entità għat-twettiq ta' xi funzjoni tagħha taħt dan l-Att, u jista' jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni kif hawn aktar qabel imsemmi, jidhirlu li jkun xieraq. Kull flus hekk mgħoddija bil-quddiem jistgħu jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, b'*warrant*, li jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddi dawk il-flus bil-quddiem. Flus li jingħataw bil-quddiem mill-Gvern.

23. (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kull ħtieġa ta' xorta kapitali ta' xi Entità, jikkuntratta jew jagħmel flus disponibbli, jew jidħol f'passiv, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jqis li jkunu xierqa; u kull ammont dovut dwar jew f'konnessjoni ma' xi tali self jew passività jkun nefqa fuq il-Fond Konsolidat. Tislif mingħand il-Gvern.

(2) Avviż dwar kull self, passività jew flus li jingħataw bil-quddiem, li jsiru jew jiġu magħmulin taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom jiġu mogħtija mill-Ministru lill-Kamra kemm jista' jkun malajr.

(3) Sakemm isir disponibbli xi self bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li Entità tiġi pprovduta b'kapital attiv, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', b'ordni, u mingħajr ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant*

General li jgħaddilha flus bil-quddiem mit-Treasury Clearance Fund taħt dawk il-pattijiet li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru malli dan isir.

(4) Ir-rikavat ta' xi self li jsir disponibbli għall-finijiet li jingħataw flus bil-quddiem lil xi Entità u kull ammont ta' flus ieħor li jkun se jingħadda lil xi Entità taħt dan l-artikolu, għandu jitħallas lil dak il-Fond.

(5) Ammonti ta' flus li l-*Accountant General* jirċievi mingħand xi Entità dwar flus li jingħatawlha bil-quddiem taħt subartikolu (3) għandhom jitħallsu, dwar xi ammonti li jiġu riċevuti bħala ħlas lura fit- Treasury Clearance Fund u, dwar ammonti li jiġu riċevuti bħala mgħax fil-Fond Konsolidat.

Estimi ta' l-Entitajiet.

24. (1) Kull Entità għandha tara li tiġi mħejjija f'kull sena finanzjarja, u m'għandhiex iktar tard minn tmien ġimgħat qabel tmiem kull sena finanzjarja tadotta, estimi tad-dħul u nfieq tagħha għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara:

Iżda l-estimi ta' xi Entità għall-ewwel sena finanzjarja tagħha għandu jitħejja u jiġi adottat f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'avviż bil-miktub jispeċifika lill-Entità.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi, Entità għandha tqis kull fond u flus oħra li jistgħu jkunu dovuti li jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, jew bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' Att ta' approprjazzjoni jew ta' kull liġi oħra; u għandha hekk tħejji dawl l-estimi b'mod li tiżgura li kull dħul totali tagħha jkun mill-inqas suffiċjenti biex minnu jinħarġu l-ammonti ta' flus kollha li għandhom jitħallsu kif dovut fil-kont tad-dħul tagħha inklużi, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dik il-frażi, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dawk is-suriet u jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni ma' l-estimi ta' qabel hekk kif il-Ministru jista' jordna.

(4) Kopja ta' l-estimi għandha, meta dawn jiġu adottati minn Entità, jintbagħtu minnufih mill-Entità lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, ma' l-ewwel opportunità li jkollu u mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja ta' l-estimi ta' l-Entitajiet, jew, jekk jiġri li l-Kamra ma tkunx qegħda f'sessjoni, fi żmien sitt ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jara li dawk l-estimi li jkun qiegħed quddiem il-Kamra flimkien ma' mozzjoni

li l-Kamra tapprova dawk l-estimi. M'għandhiex tingħata iktar minn seduta waħda biex isir dibattitu fil-Kamra dwar dik il-mozzjoni u sew il-mozzjoni sew l-approvazzjoni tal- estimi mill-Kamra jista' jkun fihom jew ma jkunx fihom emendi għall-estimi.

25. (1) M'għandha ssir jew tiġġarrab ebda nefqa minn Entità kemm-il darba din ma tkunx ġiet approvata mill-Kamra kif provdut fl-artikolu 24. In-nefqa skond l-estimi approvati.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) -

(a) sa l-iskadenza ta' sitt xhur mill-bidu ta' xi sena finanzjarja, jew sakemm issir l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-sena mill-Kamra, skond liema data tiġi l-ewwel, Entità tista' tagħmel jew iġġarrab in-nefqa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att f'ammont li b'kollox ikun ta' mhux iżjed minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja li tiġi minnufih qabel;

(b) in-nefqa approvata għar-rigward ta' xi kap jew sotto-kap ta' l-estimi tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiġġarrab dwar xi kap jew sotto-kap ieħor ta' l-estimi;

(ċ) dwar l-ewwel sena finanzjarja, Entità tista' tagħmel jew iġġarrab in-nefqa sakemm l-approvazzjoni ta' l-estimi għal dik is-sena mill-Kamra f'dak li ammont li b'kollox ma ikun ta' mhux iżjed minn kemm il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', wara li jikkonsulta lilil-Ministru, jippermetti;

(d) jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab li l-ammont approvat mill-Kamra ma jkunx suffiċjenti, jew jekk tqum neċessità li ssir nefqa għal xi għand li ma jkunx hemm provdut dwarha fl-estimi, Entità tista' tadotta estimi supplementari għall-approvazzjoni tal-Kamra u sakemm tingħata dik l-approvazzjoni, dik l-Entità tista' f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tal-Ministru, iġġarrab in-nefqa relattiva jew parti minnha kif dak il-Ministru jista' hekk japprova, u f'kull każ bħal dak id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-estimi għandhom, skond kemm ikun prattiku, japplikaw għall-estimi supplimentari.

26. Kull estimi u estimi supplementari approvati mill-Kamra għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu ppubblikati fil-Gazzetta . Pubblikazzjoni ta' l-estimi approvati.

27. (1) Kull Entità għandha tara li jinżammu kotba ta' kontijiet u reġistrazzjonijiet oħra kif imiss dwar l-operazzjonijiet tagħh u għandu jara li titħejja dikjarazzjoni ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja. Kontijiet u verifika.

(2) Il-kontijiet ta' kull Entità għandhom ikun verifikati minn awditur jew awdituri li jinħatru minnha u li jkunu approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u reġistrazzjonijiet oħra ta' xi Entità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan l-għan ikollu poter li jagħmel diki il-verifika fiżika u kull verifika oħra, u jista' jkun jeħtieġ dik l-informazzjoni, hekk kif l-Awditur Ġenerali jista' jqis li tkun meħtieġa.

(3) Wara tmiem kull sena finanzjarja, fl-istess ħin li kopja ta' l-estimi ta' xi Entità tintbagħat lill-Ministru taħt l-artikolu 24, l-Entità għandha tara li kopja tad-dikjarazzjoni ta' kontijiet verifikata kif imiss tkun mibgħuta lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien mal-kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur jew awdituri dwar dik id-dikjarazzjoni jew dwar il-kontijiet ta' l-Entità.

(4) Il-Ministru għandu jara li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport bħal dawk jitqegħdu quddiem il-Kamra flimkien mal-mozzjoni li titqiegħed quddiem il-Kamra taħt l-artikolu 24(5).

Depożitu ta' kull dħul u ħlas mill-Entitajiet.

28. (1) Il-flejjes kollha ta' xi Entità għandhom jitqegħdu f'bank jew banek li jinħatru bankiera minnha. Dawk il-flejjes għandhom, skond kemm ikun prattiku, jitqegħdu fil-banek minn jum għall-ieħor, ħlief għal dak l-ammont li l-Entità tista' teħtieġ li żżomm biex tħallas minnha nefqiet żgħar u ta' minnufih.

(2) Il-ħlasijiet kollha li jsiru mill-fondi ta' kull Entità, ħlief għal nefqiet żgħar ta' mhux iżjed minn dak l-ammont li jista' jkun iffissat minn kull Entità rispettiva bl-approvazzjoni tal-Ministru, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew uffiċjali ta' dik l-Entità li jistgħu jiġu maħtura jew imsemmija għal dak l-iskop.

(3) Ċekkijiet li jirrigwardaw u rtirat ta' flejjes minn xi kont tal-bank ta' xi Entità għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal ta' dik l-Entità li jista' jiġi maħtur jew imsemmi minn dik l-Entità għal dak l-għan u għandu jġib il-kontrofirma tal-membru jew uffiċjal awtorizzat ta' dik l-Entità kif jista' jkun awtorizzat minn dik l-Entità għal dak l-għan.

(4) Kull Entità għandha wkoll tipprovdi dwar -

(a) il-mod li bih u l-uffiċjal jew uffiċjali li għandhom jawtorizzaw jew japprovaw il-ħlasijiet;

(b) it-titolu ta' xi kont li jinżamm fil-bank jew banek fejn għandhom jitħallsu l-flejjes tagħha, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għall-ieħor;

(ċ) il-metodu li għandu jiġi adottat biex isiru ħlasijiet mill-fond tagħha; u

(d) b'mod ġenerali għar-rigward ta' kull ħaġa li hija rilevanti għaż-żamma kif imiss u l-kontroll tal-kontijiet, kotba u *records* oħra u l-kontroll tal-finanzi tagħha.

29. Entità m'għandhix tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjal jew għall-esekuzzjoni ta' xogħol jew għall-għoti ta' servizzi lil jew għall-benefiċċju ta' l-Entità, li hija tistma li jkun jinvolvi nefqa ta' iżjed minn tliet elef lira, ħlief wara li tagħti avviż dwar l-intenzjoni li jkollha li tagħmel dak il-kuntratt ikun ġie ppubblikat u jkunu nħarġu sejħiet għal offerti kompetittivi. Kuntratti ta' provvista u ta' xogħlijiet.

30. Kull Entità għandha, mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara tmiem kull sena finanzjarja, tagħmel u tgħaddi lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi rapport li jkun jittratta b'mod ġenerali dwar l-attivitajiet tagħha matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dik l-informazzjoni għar-rigward tal-proċedimenti u l-politka tagħha hekk kif xi wieħed mill-imsemmija Ministri jista' minn żmien għal żmien jeħtieġ. Il-Ministru għandu jara li kopja ta' rapport bħal dak jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra flimkien ma' l-estimi kif provduti dwar dan fl-artikolu 24. Rapport annwali.

TAQSIMA VI
PROFESSJONISTI FIL-KONSERVAZZJONI

31. (1) Ħadd ma għandu jeserċita l-professjoni ta' konservatur-restawratur kemm-il darba ma jkunx id-detentur ta' *warrant* taħt l-artikolu 33 ta' dan l-Att. Kwalifiki għall-*warrant*.

(2) Persuna ma tikkwalifikax għall-għoti ta' *warrant* kemm-il darba -

(a) ma tkunx ċittadin ta' Malta jew xort'oħra jkollha permess li taħdem f'Malta taħt xi liġi oħra;

(b) ma jkollhiex kondotta tajba;

(ċ) ma jkollhiex kapaċità legali sħiħa; u

(d) ma tissodisfax lill-Bord li -

(i) ikollu kwalifiki akkademiċi miksuba wara t-tkomplija b'suċċess ta' kors ta' studju ta' durata ta' mill-anqas tliet snin *full-time* jew durata ekwivalenti *part-time* f'università jew istituzzjoni akkademika kif tista' tkun rikonoxxuta mill-Bord imsemmi fl-artikolu 34, u li jkun kors li jkun fih dawk is-suġġetti prinċipali fil-qasam tal-konservazzjoni u restawr li l-Ministru jista jippreskrivi;

(ii) għal perjodu ta' mhux inqas minn sentejn wara li tikseb il-kwalifiki akkademiċi msemmija fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu, ikun tħarreġ f'Malta taħt is-superviżjoni ta' xi detentur ta' *warrant* prattikanti, skond dawk il-linji direttivi li l-Ministru jista' jippreskrivi:

Iżda meta l-kwalifiki akkademiċi imsemmija fis-sub-paragrafu (i) ta' dan il-paragrafu jkunu miksuba wara korsijiet akkademiċi *full-time* ta' durata b'kollox ta' mill-anqas sitt snin, u li jikkontjenu dak il-livell ta' taħriġ prattiku kif jista' jiġi approvat mill-Bord, il-kundizzjoni għal taħriġ taħt superviżjoni titqies li tkun ġiet imwettqa:

Iżda wkoll, bl-approvazzjoni tal-imsemmi Bord dak it-taħriġ jista', għal perjodu ta' mhux iżjed minn sena, fl-imsemmi perjodu ta' sentejn, isir f'xi Stat barra minn Malta ma' xi professjonist f'dixxiplini relatati li jkun kwalifikat kif imiss biex jeserċita f'dak l-Istat;

(iii) tkun ġiet eżaminata u approvata kif imiss mill-Bord f'eżami jew eżamijiet għal dak l-iskop, hekk kif il-Ministru jista' jippreskrivi:

Iżda l-Bord jista' jeżenta lil xi persuna li tkun kisbet il-kwalifiki akkademiċi mill-Università ta' Malta jew minn xi Università jew istituzzjoni akkademika oħra bħal dik approvata mill-imsemmi Bord, sew mill-eżami kollu jew l-eżamijiet kollha sew minn xi parti minnu jew minnhom.

Ċirkostanzi speċjali.

32. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31, persuna tista' tingħata *warrant* jekk ikollha:

(1) il-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31 u tkun, qabel l-ewwel ta' Jannar, 2000, pprattikat ta' konservatur-restawratur f'Malta jew barra minn Malta għal perjodu ta' mhux inqas minn ħmistax-il sena, u jkollha fil-fehma tal-Bord imsemmi fl-artikolu 34 il-kompetenza u l-abbiltà akkademika meħtieġa; jew

(2) il-kwalifiki elenkati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) u fis-subparagrafi (ii) u (iii) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31 u jkollu kwalifiki akkademiċi li jkun kiseb wara kors kif imsemmi fis-subparagrafu (i) ta' l-imsemmi paragrafu (d) iżda li ma kienx fih dawk is-suġġetti prinċipali minimi kollha fil-qasam tal-konservazzjoni u restawr kif imsemmija fl-istess subparagrafu iżda jkun għadda b'suċċess mill-provi li l-Bord imsemmi fl-artikolu 34 jista' jqis meħtieġa skond il-każ biex jagħmel tajjeb għal dak in-nuqqas.

Warrant ta' prattika bħala konservatur professjonali.

33. (1) Il-*warrant* biex persuna tipprattika l-professjoni ta' konservatur-restawratur jingħata mill-Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-Bord imsemmi fl-artikolu 34 lil kull min jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-artikoli 31 jew 32 ta' dan l-Att.

(2) Detentur ta' *warrant* jista' juża t-titolu Konservatur-Restawratur flimkien ma' ismu.

Bord tal-*Warrant* Tar-Restawraturi.

34. (1) Ikun hemm Bord, li jkun magħruf bħala Bord tal-*Warrant* tar-Restawraturi (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsemmi l-Bord) li jkun magħmul minn:

(a) President li jkun maħtur mill-Ministru minn fost persuni li jkunu jew kienu kwalifikati li jkunu maħtura mħallfin f'Malta;

(b) żewġ membri maħtura mill-Ministru minn fost persuni li fil-fehma tiegħu għandhom it-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa u li wieħed minnhom ikun minn fost il-membri akkademiċi ta' l-istaff ta' l-Università ta' Malta u l-ieħor minn fost persuni akkreditati taħt dan l-Att;

(ċ) is-Sovrintendent jew rappreżentant tiegħu;

(d) membru appuntat mill-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru minn fost persuni li fil-fehma ta' l-istess Bord tal-Gvernaturi jkollhom it-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa.

(2) Il-President jiġi maħtur għal żmien tliet snin u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati fl-ittra tal-ħatra tiegħu.

(3) Il-membri l-maħtura l-oħra tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sentejn, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stipulati fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(4) Meta jkun hemm xi vakanza fil-Bord, il-Ministru għandu kemm jista' jkun malajr, fil-każ tal-president, jew membru maħtur minnu, jaħtar lil xi persuna oħra biex timla dik il-vakanza; fil-każ ta'

membru maħtur miċ-Ċentru, jitlob liċ-Ċentru jaħtar lil xi persuna oħra biex timla dik il-vakanza.

(5) L-għadd ta' membri meħtieġa biex jagħmlu *quorum* ikun ta' tlieta, imma, sakemm ikun hemm *quorum*, il-Bord jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost il-membri tiegħu.

(6) Il-Ministru jista' wkoll jiddelega uffiċjal pubbliku biex jagħmilha ta' segretarju tal-Bord, u dak is-segretarju ma jkollux vot.

(7) Hlief kif hawn aktar qabel imsemmi, il-Bord jista' jagħmel ir-regoli tiegħu nnifsu u xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

(8) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, għal perjodu ta' sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, l-ewwel Bord li jkun maħtur ikun magħmul minn:

(a) President li jkun maħtur mill-Ministru minn fost persuni li jkunu jew li kienu kwalifikati li jkunu maħtura mħallfin f'Malta; u

(b) żewġ persuni oħra, maħtura mill-Ministru u li ma jkunux huma nfushom persuni li għad japplikaw għal *warrant*, u li fil-fehma tiegħu ikollhom il-kompetenza li jiflu l-ewwel applikanti għall-*warrant*.

Funzjonijiet tal-Bord.

35. (1) Il-funzjonijiet tal-Bord huma li -

(a) jikkonsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' *warrant*, u li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar dan lill-Ministru;

(b) jorganizza u jirregola, u jiddeċiedi talbiet għal eżenzjonijiet mill-eżami għal *warrant* professjonali skond l-artikoli 31 u 32 ta' dan l-Att;

(ċ) jirregola l-kondizzjonijiet ta' taħriġ prattiku barra mill-pajjiż skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att;

(d) japprova universitajiet jew istituzzjonijiet akkademiċi skond l-artikolu 31 ta' dan l-Att;

(e) jorganizza u jirregola kull prova li tidhirlu xierqa u l-perjodi ta' taħriġ prattiku, kif provdut dwarhom fl-artikolu 32 ta' dan l-Att; u

(f) biex jikkonsidra u jiddetermina applikazzjonijiet minn detenturi ta' *warrant*, professjonisti oħra u persuni oħra fil-qasam ta' konservazzjoni u restawr biex jiġu akkreditati biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħlijiet, interventi u proċeduri partikolari in konnessjoni ma' proprjetà kulturali, u biex tagħti jew tiċħad dik l-akkreditazzjoni;

(ġ) biex jirrediġi kodiċi ta' etika u linji gwida għal prattika għal detenturi ta' *warrant* u persuni akkreditati taħt dan l-artikolu;

(ħ) jinkoraġġixxi inizjattivi li jassiguraw programm ta' taħriġ u żvilupp professjonali kontinwu għad-detenturi ta' *warrant* u persuni akkreditati taħt dan l-artikolu;

(i) jagħti parir lill-Ministru f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ħaġa għar-rigward tal-professjoni ta' Konservatur-Restawratur u ta' l-akkreditazzjoni.

(2) Fl-eserċizzju tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord jista' wkoll jikkonsulta lil dawk il-persuni li jistgħu jitqiesu xierqa u jista' wkoll jaħtar kumitati, li l-president tagħhom ikun membru tal-Bord, għat-twettiq ta' dawk id-dmirijiet jew xogħol ieħor li l-Bord jista' jassenjalhom.

(3) Il-Bord għandu jżomm reġistru ta' detenturi ta' *warrant* u għandu, mhux aktar tard minn tliet xhur wara tmiem kull year, jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, kienu reġistrati bħala detenturi ta' *warrant* maħruġ taħt dan l-Att.

(4) Il-Bord għandu jżomm reġistru ta' persuni akkreditati taħt dan l-artikolu u jindika dwar kull persuna reġistrata fih, ix-xogħol, interventi jew proċeduri li għalih dik il-persuna tkun akkreditata, u għandu mhux aktar tard minn tliet xhur wara tmiem kull sena jippubblika fil-Gazzetta lista ta' persuni li, fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, kienu akkreditati u jindika dwar kull persuna x-xogħol, interventi jew proċeduri li għalihom ikun akkreditat.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 36 sa 38 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar akkreditazzjoni taħt dan l-artikolu kif japplikaw dwar *warrant*, u għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar persuna akkreditata kif japplikaw dwar detentur ta' *warrant*.

Sospensjoni jew revoka ta' *warrant*.

36. (1) Il-Ministru jista', b'ordni bil-miktub, jissospendi, jirrevoka jew iħassar *warrant* jekk id-detentur ta' *warrant*:

(a) ikun instab ħati, wara inkjesta mill-Bord imsemmi fl-artikolu 34 ta' dawn l-atti jew ommissjonijiet li ġejjin:

(i) diżonestà, mġieba ħażina jew negliġenza gravi fl-eserċizzju tal-professjoni tiegħu;

(ii) mġieba li tmur kontra l-kodiċi ta' etika u linji gwida ta' prattika li hemm provvediment dwarhom fl-artikolu 35 (1) (ġ) ta' dan l-Att;

(iii) nuqqas milli jħares ir-regolamenti dwar il-livelli jew il-prattika professjonali; jew

(iv) nuqqas milli jħares xi kondizzjoni marbuta ma' *warrant* maħruġ taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 ta' dan l-Att, jew

(b) ikun instab ħati minn qorti kompetenti ta' reat taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu; jew

(ċ) ikun instab ħati minn qorti kompetenti ta' xi reat li jolqot il-fiduċja pubblika jew frodi jew li jkun xjentement irċieva proprjetà miksuba minn serq jew frodi.

(2) Deċiżjoni tal-Bord taħt paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun jista' jsir appell minnha quddiem il-Qorti ta' l-Appell magħmul kif provdut fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(3) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm iż-żmien li jiġu hekk preskritti d-drittijiet mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, d-drittijiet li jitħallsu dwar xi appell lil dik il-qorti jkunu dawk li japplikaw għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

(4) Il-Bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu jagħmel regoli li jkunu jistabbilixxu kif għandhom ikunu dawk l-appelli, t-terminu li fih għandhom jiġu ppreżentati u b'mod ġenerali kull ħaġa oħra għar-rigward ta' dawk l-appelli.

Effetti ta' revoka jew sospensjoni ta' *warrant*.

37. Meta *warrant* taħt dan l-Att jiġi irtirat, sospiż jew revokat, il-persuna li lilha jkun inħareġ dak il-*warrant* m'għandhiex tibqa' detentur ta' dak il-*warrant*, jew tkun sospiża mill-eserċizzju tal-professjoni tagħha skond il-każ u għandha ttemm milli tibqa' tuża t-titolu Konservatur - Restawratur.

38. Il-Ministru, li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bord, imsemmi fl-artikolu 34 jista', wara li tgħaddi sena mid-data tar-revoka jew tneħħija ta' *warrant*, joħroġ *warrant* ġdid bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru bir-rakkomandazzjoni tal-Bord jista' jqis li jkunu meħtieġa.

Il-Ministru jista' joħroġ *warrant* ġdid.

39. (1) Il-Bord imsemmi fl-artikolu 34 ta' dan l-Att għandu jżomm reġistru bid-dettalji ta' kull persuna li taħdem taħt is-surperviżjoni ta' detentur ta' *warrant* u li tkun persuna li għandha taħriġ u esperjenza fi proċessi speċifiċi ta' konservazzjoni jew li għandha esperjenza f'aspetti speċifiċi ta' konservazzjoni preventiva u li jkollha ċertifikat ta' tekniku ta' konservazzjoni miksub taħt regolamenti li jistabbilixxu *standards* u livelli dwar kwalifiki professjonali u vokazzjonali.

Tekniku ta' Konservazzjoni.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att –

Assistenti mal-konservatur-restawratur.

(a) persuna m'għandhiex titqies li tipprattika l-professjoni ta' konservatur-restawratur jekk hija tagħmilha ta' impjegat ta', jew assistent ma', u taħt is-superviżjoni ta' detentur ta' *warrant* u ma jippreżenta ebda ċertifikazzjoni ta' xorta li turi li jkun konservatur-restawratur;

(b) sa dak il-limitu li jista' jiġi preskritt, ħadd m'għandu jitqies li jeserċita l-professjoni ta' detentur ta' *warrant* jekk ikun f'tali impieg jew ikollu jew jaġixxi f'dik il-kariga jew iwettaq biss dak ix-xogħol, servizzi, atti jew funzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti;

(ċ) konservatur-restawratur għandu madankollu jagħmel mill-aħjar biex jiżgura li kull assistent impjegat miegħu jew imqabbad minnu għandu jkun temm b'suċċess taħriġ sa dawk il-livelli li huma jew jistgħu jkunu preskritti fir-Regolamenti ta' l-2000 dwar Kwalifiki Professjonali u Vokazzjonali ta' Malta. A.L. 215 ta' l-2000.

TAQSIMA VII
POTERI SPEĊJALI TA' L-ISTAT

40. (1) Fil-każ ta' bejgħ, esportazzjoni, skambju, konċessjoni emfitewtika jew self ta' xi oġġett ta' proprjetà kulturali s-Sovrintendent għandu jkollu l-jedd, bl-approvazzjoni tal-Ministru f'konsultazzjoni mal-Kumitat li jakkwista dawk l-istess oġġetti, bi preferenza fuq l-oħrajn kollha u b'kondizzjonijiet indaqs inkluż il-ħlas ta' korrispettiv bħal dak li soltu jsir bejn il-partijiet:

Dritt ta' preferenza.

Iżda fil-każ ta' l-esportazzjoni ta' xi oħġett ta' proprjetà kulturali il-Gvern għandu jakkwista dawk l-oġġetti b'titolu ta' bejgħ.

(2) Dan id-dritt ta' preferenza jista' jkun eserċitat mhux iktar tard minn xahrejn minn meta jiġi riċevut l-avviż ta' tali bejgħ, esportazzjoni, skambju, trasferiment jew self minn kull parti involuta, jew mid-data meta s-Sovrintendent isir jaf b'tali bejgħ, esportazzjoni, skambju, trasferiment jew self, skond liema jiġi l-ewwel.

(3) Fl-eserċizzju tal-jedd ta' preferenza, meta l-korrispettiv tat-trasferiment ma jkunx jista' jiġi xort'oħra stabbilit il-valur tal-proprjetà kulturali inkwistjoni għandu jkun stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 55 ta' dan l-Att.

Kontroll ta' l-esportazzjoni u ri-esportazzjoni.

41. (1) Hadd ma jista' jesporta jew jerġa' jesporta proprjetà kulturali mingħajr il-permess bil-miktub tas-Sovrintendent.

(2) L-esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid, meta permessi għandhom ikunu bla ħsara għall-ħlas tad-dazju *ad valorem* kif stipulat fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att u għandha tkun bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet l-oħra li jistgħu jkunu imposti mis-Sovrintendent.

(3) Permess għall-esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid tista' tingħata għal żmien limitat u mingħajr il-ħlas tad-dazju msemmi fis-subartikolu (2) għal skop ta' restawr, esibizzjoni jew studju. Is-Sovrintendent jista', meta jkun qed jagħti tali permess jimponi garanziji għar-ritorn tal-proprjetà kulturali li tiġi hekk esportata jew esportata mill-ġdid f'dak l-ammont li jiġi stabbilit mis-Sovrintendent.

(4) Il-valur ta' l-oġġetti għall-finijiet tal-ħlas tad-dazju msemmi fis-subartikolu (2) jiġi stabbilit minn espert wieħed jew iktar maħtura bi qbil bejn il-Ministru u l-esportatur jew, fin-nuqqas ta' qbil, mill-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fuq it-talba ta' l-esportatur, li ssir b'rikors. In-nefqa tal-valutazzjoni għandha titħallas mill-esportatur.

(5) Minflok il-ħlas ta' dazju, l-esportatur jista', bil-kunsens tas-Sovrintendent, jagħti lill-Gvern bħala *datio in solutum*, xi oġġett wieħed jew aktar ta' valur ekwivalenti għad-dazju dovut.

(6) Il-Gvern jista' jakkwista kull oġġett li jkun propost li jiġi esportat, b'dak il-prezz li jista' jiġi stabbilit bil-mod stipulat f'dan l-artikolu fi żmien xahrejn minn meta ssir il-valutazzjoni msemmija f'dan l-artikolu u wara li jingħata avviż ta' l-esportazzjoni intiża lis-Sovrintendent. L-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-valutazzjoni għandhom, f'dawk il-każijiet, jitħallsu mill-Gvern.

42. Is-Sovrintendent jista', wara li jikkonsulta lill-Kumitat, b'avviż jgħarraf lil kull min ikun is-sid, detentur jew pussessur ta' proprjetà kulturali li dik il-proprjetà kulturali, tkun teħtieġ tiswija jew restawr urġenti u għandu f'dak l-avviż jistabbilixxi terminu li fih għandhom isiru tali tiswija jew restawr, u fin-nuqqas li jsir dan, is-Sovrintendent, jista' jagħmel dawk ix-xogħlijiet bi spejjeż ta' dik il-persuna. Tiswija u restawr mill-Gvern.

43. (1) Skavi u esplorazzjonijiet arkeoloġiċi jew paleontoloġiċi fuq l-art, kif ukoll fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa ta' Malta jistgħu jsiru biss mis-Sovrintendent, jew bil-permess bil-miktub tas-Sovrintendent u skond kull kondizzjoni annessa miegħu. Dritt esklużiv għall-iskavar.

Iżda bla ħsara għall-provvedimenti tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 45 ta' dan l-Att, is-Sovrintendent jista' jagħmel, jew jordna li jsiru, skavi għall-finijiet ta' dan l-Att f'kull parti ta' Malta, kull meta dawn l-iskavi huma meħtieġa u skond regolamenti maħruġa bis-saħħa tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 55 ta' dan l-Att.

(2) Kull min, ukoll jekk aċċidentalment, jiskopri xi oġġett, sit jew bini li dwarhom japplika dan l-Att skond ma hemm fl-artikolu 3, għandu minnufih jgħarraf lis-Sovrintendent, iżomm l-oġġett misjub in situ, u m'għandux għal perjodu ta' sitt ijiem tax-xogħol wara li jgħarraf lis-Sovrintendent ikompli għaddej b'xogħol fuq il-post fejn ikun ġie skopert l-oġġett ta' proprjetà kulturali.

(3) Is-Sovrintendent għandu jispezzjona l-post fejn tkun saret l-iskoperta matul dawk is-sitt ijiem tax-xogħol u jista' jordna lil min ikun responsabbli li ma jagħmilx iktar xogħol fuq il-post jew f'xi parti minnu billi jagħtih avviż biex jieqaf mix-xogħol.

(4) Kull min wara li jingħata avviż biex jieqaf mix-xogħol isofri danni minħabba fil-waqfien tax-xogħlijiet għandu jkollu d-dritt li jiġi kkumpensat għal dawk id-danni mis-Sovrintendent.

(5) Fi żmien tliet xhur minn xi avviż biex jitwaqqfu x-xogħlijiet il-Gvern għandu jibda proċeduri biex jikseb is-sit skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, jew inkella s-Sovrintendent għandu jillibera s-sit. Malli jinbdew il-proċedimenti li jakkwista s-sit kif hawn aktar qabel imsemmi ma jkun dovut ebda kumpens ieħor skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu. Kap. 88.

(6) Kull oġġett mobbli li jifforma parti mill-patrimonju kulturali li jiġi skopert x'imkien Malta, fl-ibħra territorjali tagħha, u fiż-żona kontigwa sew jekk jinsab fi skavi awtorizzati jew illegali jew waqt esplorazzjoni jew aċċidentalment filwaqt li jkun qed isir xi xogħol sew b'kull mod ieħor ikun jappartjenti lill-Istat.

(7) Kull *record* oriġinali jew kopja shiha dwar il-progress ta' l-iskavar jew l-esplorazzjoni, jekk dawn isiru skond dan l-artikolu jew xort'oħra, għandu jingħata lis-Sovrintendent minn min ikun responsabbli għal dak l-iskavar jew dik l-esplorazzjoni.

Permessi għal żvilupp u proprjetà kulturali.
Kap. 356.

44. (1) Is-Sovrintendent jista' jirrikmanda għal skedar lill-Awtorità ta' l-Ippjanar tali siti u bini li jkun iqis li għandhom ikunu skedati fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(2) Is-Sovrintendent għandu jagħmel użu mil-lista tal-proprjetà skedata għall-fini ta' l-inventarju taħt l-artikolu 7(5).

Permess għall-interventi f'proprjetà kulturali.

(3) Ebda persuna ma għandha tagħmel interventi f'dik il-proprjetà kulturali jew klassi ta' proprjetà kulturali mingħajr ma jkollha minn qabel permess għaldaqshekk mis-Sovrintendnet kif jista' jiġi preskritt f'regolamenti maħruġa taħt dan l-Att.

(4) Qabel ma jiddetermina applikazzjoni taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu s-Sovrintendent jista' jitlob dik l-informazzjoni inkluż ir-riżultati ta' dawk l-eżami, analiżi jew spezzjoni minn dawk il-persuni akkreditati taħt dan l-Att għal dak il-għan kif jista' jiġi mitlub mis-Sovrintendent, u dik ir-riċerka fuq l-istorja, kompożizzjoni provenjenza jew aspetti oħra tal-proprjetà kulturali relevanti kif hu jista' jikkonsidra meħtieġa għal dak l-għan.

(5) Ma' l-għoti ta' permess bħal dak is-Sovrintendent jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jista' jidhirlu xierqa, inkluż bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan qabel li x-xogħol jew xi parti minnu għandu jiġi mwettaq skond dak il-protokoll kif jista' jkun preskritt jew anness mal-permess, li x-xogħol u l-fażijiet diversi tiegħu jiġu fotografati jew xort'oħra dokumentati jew rekordjati, li jingħata lis-Sovrintendent rapport fuq ix-xogħol f'dawk iż-żminijiet kif imsemmi fil-permess, u li x-xogħol jew dik il-parti minnu kif jista' jiġi msemmi fil-permess isir, minn jew taħt is-superviżjoni kif jingħad fil-permess, ta' dak id-detentur ta' *warrant*, professjonist jew persuna akkreditata taħt dan l-Att għal dak ix-xogħol.

Setgħa ta' dħul u ta' spezzjon.

45. (1) Kull uffiċjal jew impjegat tas-Sovrintendenza awtorizzat bil-miktub kif imiss mis-Sovrintendent jista' jidħol f'xi area, proprjetà, sit taħt investigazzjoni jew bini jekk is-Sovrintendent iqis li jkun meħtieġ li jsir dan fit-twettiq ta' xi funzjoni taħt dan l-Att jew jekk ikun iqis li jkun hemm raġunijiet validi biex jissusspetta li jkun sar jew se jsir xi reat kontra dan l-Att jew kontra xi regolament, kondizzjoni ta' liċenza jew kondizzjonijiet magħmula taħthom.

(2) Meta d-dħul isir għall-fini ta' spezzjon jew dokumentazzjoni, s-Sovrintendent għandu jinnotifika avviż bil-miktub lill-okkupant ta' proprjetà kulturali li huwa jkun bi ħsiebu jidħol, u malli dan l-uffiċjal jew impjegat awtorizzat kif hawn aktar qabel imsemmi għandu jitħalla jidħol f'dik il-proprjetà kulturali fejn ikunu qed isiru tali konservazzjoni, restawr jew żvilupp.

(3) Is-Sovrintendent għandu jara li ssir spezzjoni f'każijiet meta jsiru rapporti ta' skoperti ta' proprjetà kulturali sabiex tiġi stabbilita il-ħtieġa ta' preservazzjoni jew xogħlijiet ta' skavar.

(4) Is-Sovrintendent għandu jkollu l-jedd jidħol u jokkupa proprjetà kulturali sabiex hemm jagħmel skavi arkeoloġiċi iżda:

(a) għandu jiġi notifikat avviż bil-miktub lill-okkupant jew lis-sid tal-proprjetà kulturali inkwistjoni mill-inqas tliet ijiem qabel ma jinbdew dawk l-iskavi;

(b) iż-żmien għal kemm iddum l-okkupazzjoni għandu jiġi dikjarat fl-avviż, u għandu jingħata avviż ieħor ta' mill-inqas tliet ijiem ta' kull estensjoni taż-żmien ta' l-okkupazzjoni;

(ċ) is-sidien jew l-okkupant ta' proprjetà kulturali okkupata skond dan l-artikolu għandu jkollhom jedd għal kumpens għal kull telf ta' profitt, danni mġarrba matul l-iskavi arkeoloġiċi jew it-tqegħid ta' arei skavati lura għal li kienu.

(5) Dawk l-iskoperti li jsiru matul żmien ta' okkupazzjoni mis-Sovrintendent ikunu proprjetà tal-Gvern.

(6) Bil-għan li jeserċita kull dritt li għandu taħt dan l-artikolu is-Sovrintendent jista' jitlob l-għajnuna tal-Pulizija.

46. (1) Meta jkun qed isir xi żvilupp jew xogħol ieħor dwar proprjetà kulturali bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att, jew persuna li jkollha liċenza biex tagħmel skavi arkeoloġiċi taħt dan l-Att ma tkunx konformi ma' xi kondizzjoni marbuta ma' dik il-liċenza, is-Sovrintendent jista' jinnotifika Avviż ta' Sospensjoni lis-sid, il-pussessur jew id-detentur tal-proprjetà kulturali jew lil kull persuna oħra li tkun qed twettaq ix-xogħlijiet ta' żvilupp jew skavar u malli dan, il-persuna notifikata bl-ordni għandha tissospendi kull attività f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol ta' żvilupp jew l-iskavar. Avviżi ta' sospensjoni.

(2) Is-Sovrintendent jista' jirrevoka kull tali Avviż ta' Sospensjoni sew b'mod assolut sew kif soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li s-Sovrintendent iqis li jkunu xierqa.

Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni.

47. (1) Is-Sovrintendent jista' fil-każ ta' xi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jinnotifika Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni lis-sid jew okkupant jew pussessur ta' proprjetà kulturali, li tkun teħtieġ tali azzjoni bħalma tista' tkun speċifikata fl-avviż, inkluż li ma jitkompliex isir dak li jkun qed isir jew jitwettaq, li għandha tittieħed f'dak iż-żmien li jista' jkun speċifikat fl- ordni.

(2) Meta azzjoni meħtieġa li tittieħed minn Ordni ta' Konservazzjoni u Protezzjoni ma tkunx ittieħdet fiż-żmien speċifikat fl-Ordni, is-Sovrintendent għandu jkollu l-jedd jidħol ġol-proprjetà kulturali u jista' għal dak l-għan jitlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija u jieħu l-azzjoni meħtieġa, fejn dan japplika għas-spejjeż tas-sid jew ta' l-okkupant jew tal-pussessur.

Kap. 319.

(3) Salvi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ebda mandat kawtelatorju ma jista' jinħareġ minn xi qorti li tkun iżżomm lis-Sovrintendent milli joħroġ Ordni taħt dan l-artikolu jew milli jagħmel xi ħaġa li jkun awtorizzat jagħmel b'dan l-artikolu.

Kurazija.

48. (1) Is-Sovrintendent jista' bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-artijiet, jagħmel permezz ta' att pubbliku, att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva li bih il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà kulturali immobbli tiġi mgħoddija għal għand il-Kunsill Lokali jew organizzazzjoni mhux governattiva, skond il-każ u skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' tali regolamenti li jistgħu jiġu preskritti u skond dawk il-kondizzjonijiet li ma jkunux inkonsistenti magħhom kif jista' jkun hemm f'dak l-att. Kull att ta' kurazija għandu jiddikjara għal kemm żmien dan ikun qiegħed isir, liema terminu ta' żmien jiġi stabbilit mis-Sovrintendent kull każ għalih, wara li jiġu konsidrati bir-reqqa l-possibilità li dan jiġi attwat u l-iskala ta' kull proposta.

(2) Il-Ministru għandu, madankollu, fi żmien erba' ġimgħat wara l-pubblikazzjoni ta' l-att, jew inkella jekk il-Kamra ma tkunx qegħda f'sessjoni, fi żmien erba' ġimgħat mid-data meta l-Kamra terġa' tiltaqa', jqiegħed kopja ta' l-att fuq il-Mejda tal-Kamra, u l-att ta' kurazija jkun soġġett għall-kondizzjoni li jekk fuq mozzjoni intavolata mhux iktar tard minn tmienja u għoxrin ġurnata wara t-tqegħid fuq il-Mejda tal-Kamra ta' kopja ta' l-att ta' kurazija, il-Kamra tirrisolvi li l-att ta' kurazija għandu jkun rexiss, l-att għandu jkun awtomatikament rexiss malli tgħaddi r-risoluzzjoni.

(3) Qabel ma jawtorizza lis-Sovrintendent jagħmel att ta' kurazija l-Ministeru għandu jara xi tkun il-fehma tal-Kumitat dwar il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fl-att ta' kurazija; dawk il-kondizzjonijiet għandhom b'mod partikolari jittrattaw dan li ġej:

(a) il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu sabiex tiġi mħarsa l-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kurazija; u

(b) il-pjan ta' konservazzjoni u amministrazzjoni li għandu x'jaqsam mal-proprjetà kulturali, u l-arranġamenti organizzattivi, operattivi u finanzjarji konnessi ma' dan, u r-riżorsi organizzattivi, operattivi u finanzjarji li jkunu mogħtijin għaldaqstant.

(4) Att ta' kurazija m'għandu jkun ta' ebda preġudizzju għall-poteri ta' xi Entità taħt dan l-Att għar-rigward tal-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kurazija.

(5) Il-proprjetà kulturali soġġetta għall-att ta' kurazija għandha tibqa' proprjetà tal-Gvern.

(6) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lis-Sovrintendent u lill-Kumitat, f'kull waqt b'Ordni fil-Gazzetta jirrexxindi att ta' kurazija jekk xi kondizzjoni stipulata fih jew xi d-disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu ma jkunux imħarsa mill-parti l-oħra.

(7) Mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara kull anniversarju ta' xi att ta' kurazija, il-parti li fil-kustodja tagħha titqiegħed il-proprjetà kulturali għandha tibgħat lill-Ministru, lis-Sovrintendent u lill-Kumitat rapport ta' l-attivitajiet tagħha dwar il-proprjetà kulturali u dwar kif tkun esegwiet l-att ta' kurazija matul is-sena ta' qabel. Il-kopja ta' dak ir-rapport għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru.

(8) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jkunu b'mod ġenerali jippreskrivu regoli dwar il-kurazija.

49. Il-poteri u d-dmirijiet taħt dan l-Att għandhom ikunu eserċitati b'mod konformi ma' kull Konvenzjoni, trattat, qbil jew istrument internazzjonali li jirrigwardaw l-użu u l-konservazzjoni kif imiss ta' proprjetà kulturali nazzjonali jew tad-dinja li Malta tista' tkun parti fihom. Konvenzjonijiet internazzjonali eċċ.

50. (1) Il-Gvern qiegħed b'dan jiġi awtorizzat jirratifika u jsir parti fil-Unidroit Convention on Stolen or Illegally Exported Cultural Objects (Rome, June 1995). Treġġigħ lura ta' proprjetà kulturali misruqa u esportata kontra l-liġi.

(2) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Kumitat, b'regolamenti jippreskrivi regoli li jagħtu seħħ għal xi jew kull disposizzjoni tal-Konvenzjoni msemmija u d-disposizzjonijiet ta' regolamenti bħal dawk għandu jkollhom seħħ minkejja l-provvedimenti ta' kull liġi oħra li tkun tgħid il-kuntrarju.

Dritt ta' appell.

51. Kull persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni tas-Sovrintendent taħt l-artikoli 40 sa 42, 46 u 47 f'din it-taqsima jkollu dritt ta' appell kif jista' jiġi preskritt taħt l-artikolu 55 ta' dan l-Att. Appell m'għandux, ħlief kif jista' jiġi preskritt, jissospendi d-deċiżjoni appellata.

TAQSIMA VIII
PATRIMONJU KULTURALI RELIĠJUŻ

52. (1) Bla ħsara għal xi liġi oħra li tista' tkun fis-seħħ, u sa dak iż-żmien li jista' jkun hemm ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ċivili u dawk ekklesjastiċi, proprjetà kulturali li tkun tappartjeni lill-Knisja Kattolika inkluż lill-Ordnijiet Reliġjużi Kattoliċi u intiża jew użata għal finijiet reliġjużi għandha taqa' taħt ir-regolament u s-sovrintendenza esklużivi tal-Kummissjoni għall-Patrimonju Kulturali Kattoliku li tkun maħtura kull sentjen mill-President tal-Konferenza Episkopali Maltija, u tkun magħmula minn mhux inqas minn ħames esperti li wieħed minnhom għandu jkun hekk maħtur wara konsultazzjoni mal-Ministru.

(2) Proprjetà kulturali li tkun tappartjeni lil u hi intiża jew użata għal finijiet reliġjużi ta' xi denominazzjoni oħra apparti dik imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' titqiegħed mill-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti taħt ir-regolament u s-sovrintendenza esklużivi ta' kummissjoni għall-patrimonju kulturali reliġjuż. Kull tali kummissjoni għall-patrimonju kulturali reliġjuż għandha tinħatar kull sentejn mill-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti, u tkun magħmula minn tliet esperti li wieħed minnhom għandu jkun hekk maħtur wara konsultazzjoni mal-Ministru.

(3) Il-kummissjonijiet msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandu jkollhom l-istess poteri u dmirijiet għar-rigward tal-proprjetà kulturali taħt is-sovrintendenza tagħhom daqskemm ikollu s-Sovrintendent, u għandhom jagħtu rapport dwar il-ħidma tagħhom lill-Forum:

Iżda meta tali kummissjonijiet ma jkunux ġew hekk maħtura, ir-regolament u s-sovrintendenza tal-proprjetà kulturali li taqa' taħt il-kompetenza tagħhom tkun tvesti fis-Sovrintendent.

(4) Il-Ministru, wara konsultazzjoni shiha mal-President tal-Konferenza Episkopali Maltija msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew ma' l-awtorità reliġjuża rilevanti u kompetenti msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jista' jagħmel regolamenti biex jirregola s-setgħat u d-dmirjiet ta', u l-proċeduri u l-prattika li għandhom jiġu segwiti mill-kummissjonijiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu.

TAQSIMA IX
REATI

53. (1) Kull min:

Ħsara volontarja jew qerda ta' ċertu proprjetà.

(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skond dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;

(b) jagħmel xi attività jew inkella jaġixxi bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew tal-kondizzjonijiet ta' liċenza jew permess maħruġ taħt dan l-Att jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li jkun meħtieġ li jagħmel taht dan l-Att, regolament jew liċenza; jew

(ċ) jagħmilha ta' konservatur-restawratur meta ma jkollux *warrant* taħt Taqsima VI ta' dan l-Att; jew

(d) jonqos milli jimxi skond xi Avviż ta' Sospensjoni maħruġ skond l-artikolu 46 ta' dan l-Att jew skond Ordni ta' Konservazzjoni jew Protezzjoni magħmul skond l-artikolu 47 ta' dan l-Att; jew

(e) jirċievi jew jiddetjeni proprjetà kulturali filwaqt li jkun jaf li din tkun tneħħiet illegalment f'Malta jew li tkun ġiet illegalment esportata minn xi pajjiż ieħor; jew

(f) jimpedixxi, jostakola, jimmolestja jew jindaħal lil, jew jittanta jimpedixxi, jostakola, jimmolestja jew jindaħal lil xi uffiċjal jew impjegat tas-Sovrintendenza, jew ta' l-Aġenzija, jew taċ-Ċentru, jew tal-Kumitat jew lil xi uffiċjal tal-pulizija, fl- esekuzzjoni tad-dmirijiet li hemm provdut dwarhom f'dan l-Att, jew jonqos milli jħares xi ordni leġittima minn xi tali uffiċjal jew impjegat

jew uffiċjal tal-pulizija kif hawn aktar qabel imsemmija, jew xjentement jagħti lil dak l-uffiċjali jew impjegat informazzjoni qarrieqa jew jittraskura jew jiċħad milli jagħti informazzjoni meħtieġa minn jew taħt dan l-Att; jew

(ġ) jagħmel dikjarazzjoni għal kull fini ta' dan l-Att li tkun falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett materjali,

ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn 500 lira u ta' mhux iżjed minn 50,000 liri, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda, bla ħsara għall-ogħla multa hawn aktar qabel imsemmija, l-inqas multa li ħati jista' jeħel taħt dan l-artikolu m'għandhiex tkun inqas mill-valur ta' xi xogħol meħtieġ biex jirrimedja l-effetti tar-reat.

(2) Ir-responsabbiltà ta' ħati taħt subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkunu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-ħati li jħallas lis-Sovrintendent kull nefqa li ssir għar-reintegrazzjoni, jew ir-restawr tal-proprjetà kulturali minħabba fl-għemil tar-reat, jew li jħallas ġol-Fond il-valur tal-proprjetà kulturali meqruda jew danneġġata meta dik il-proprjetà ma tkun tista' la tiġi reintegrata u lanqas restawrata. Dak il-ħlas jista' jinġabar permezz ta' kawża ċivili li ssir mis-Sovrintendent kontra l-ħati jew l-eredi tiegħu.

(3) Il-Qorti għandha, minbarra li tagħti l-piena msemmija f'dan l-artikolu, tordna lill-persuni misjubin ħatja li jneħħu dak kollu li jkun qed jikkaġuna r-reat u li jreġġgħu lura għal li kienet kull ħaġa li tkun saret mingħajr ebda permess meħtieġ taħt dan l-Att jew biex iħares il-kondizzjonijiet imposti f'tali permess, skond il-każ, fi żmien suffiċjenti għal dak l-iskop u f'kull każ ta' mhux iżjed minn tliet xhur mid-data tas-sentenza u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni bħal dik f'dak iż-żmien li jiġi hekk stabbilit, jista' jeħel ukoll multa ta' mhux inqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhux iżjed minn ħamsin lira, kif il-qorti tista' tistabbilixxi, għal kull ġurnata li jkompli n-nuqqas wara li jiskadi ż-żmien imsemmi.

Poteri ta' prosekuzzjoni u ta' assistenza lill-Pulizija u lil uffiċjali oħra.

54. (1) Fi prosekuzzjonijiet għal reati kontra dan l-Att jew kontra regolamenti taħt dan l-Att, uffiċjali tas-Sovrintendenza għandu jkollhom il-jedd jassistu lill-pulizija, u li jagħmluha ta' prosekuturi fil-Qorti tal-Maġistrati.

(2) Uffiċjali tas-Sovrintendenza jistgħu jassistu lill-Pulizija, lid-Dwana jew kull korp ieħor tal-Gvern, meta dawn ikunu qegħdin jeserċitaw poteri mogħtija taħt kull liġi oħra, fl-eserċizzju ta' kull poter biex jipprevjenu l-kummissjoni ta' reat kontra dan l-Att jew biex ikollhom disponibbli provi li jirrigwardaw xi reat bħal dak.

TAQSIMA X
REGOLAMENTI

55. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jagħti seħħ lil kull disposizzjoni ta' dan l-Att, jew biex jirregola jew xort'oħra jipprovdi dwar kull ħaġa għar-rigward ta' l-attivitajiet li jaffettwaw il-proprjetà kulturali, u tista' b'mod partikolari, imma mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, jagħmel regolamenti għal kull għan minn dawn li ġejjin: Poteri li jsiru regolamenti.

(a) biex jiġi stabbilit kull dritt u ħlas li jistgħu ikollhom jinġabru minn jew taħt, jew għas-servizzi mogħtija konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) biex jigi żgurat l-aħjar twettiq tal-funzjonijiet ta' l-Entitajiet;

(ċ) biex tigi regolata l-ħatra ta' uffiċjali u impjegati ma' kull Entità ;

(d) biex jiġi regolat kull skavar u esplorazzjoni;

(e) biex jiġu stabbiliti linji direttivi għall-aħjar pratka ta' konservazzjoni u ta' restawr;

(f) biex jiġi pprovdut dwar kull formola jew proċedura li jistgħu jkunu meħtieġa jew spedjenti u li dwarhom ma jkun hemm ebda proċedura speċifika li tinsab f'dan l-Att;

(ġ) biex jiġi regolat l-bejgħ ta', u l-kummerċ fi proprjetà kulturali;

(ħ) biex jigi regolat ċ-ċaqlieq ta' proprjetà kulturali;

(i) biex jiġu preskritti regoli li jagħtu seħħ lil kull Konvenzjoni internazzjonali li tirrigwarda l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali, ratifikata mill-Gvern ta' Malta; jew biex ikun hemm konformità ma' kull obbligi internazzjonali li fiha jidħol il-Gvern ta' Malta dwar il-patrimonju;

(j) meta ma jkunx xort'oħra pprovdut f'dan l-Att, biex jiġu preskritti regoli li jirregolaw is-setgħat u d-dmirijiet ta', u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti minn, dik l-enti, kummissjoni, kumitat jew bord imwaqqfa f'dan l-Att jew taħtu;

(k) biex jistabblilixxi u jippubblika r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni kif stabbilit mill-artikolu 35 ta' dan l-Att;

(l) biex jiġu stabbiliti l-parametri li fihom, u t-tipi ta' proprjetà kulturali li dwarhom, għandhom jiġu eżerċitati l-poteri taħt l-artikoli 40 u 41 ta' dan l-Att;

(m) biex jagħtu lill-persuni li jħossuhom aggravati minn xi eżerċizzju tal-poteri skond id-disposizzjoni ta' l-artikoli 40 sa 42, 46 u 47 ta' dan l-Att mezz biex jikkontestaw dak l-eżerċizzju u biex jottjenu rimedju jekk ikollhom raġun;

(n) biex jiġi stabbilit bord ta' appell u biex jirregola kull proċedura dwar l-istess, għat-twettiq ta' dak preskritt fil-paragrafu preċedenti;

(o) biex jipprovdi dwar il-forma u proċedura dwar applikazzjonijiet u għoti ta' permessi għall-interventi fi proprjetà kulturali taħt l-artikolu 44, u biex jipprovdi dwar appelli mid-deċiżjoni tas-Sovrintendent dwar l-istess;

(p) biex tiġi preskritta kull ħaġa oħra li tista' jew li għandha tkun preskritta taħt dan l-Att.

TAQSIMA XI
MIXXELLANJI

Tħassir u riserva. Kap. 54.

56. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att) qiegħed b'dan jiġi mħassar.

(2) Minkejja t-tħassir ta' l-Att, ir-regolamenti kollha magħmulin taħt l-Att għandhom jibqgħu iseħħu u jkollhom effett bħallikieku magħmulin taħt dan l-Att, u jistgħu jiġu emendati jew imħassra skond hekk, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull ksur ta' dawk ir-regolamenti bħallikieku jkunu saru taħt dan l-Att.

Emenda għall-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Kap. 356.

57. L-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu (2) tiegħu, fit-tifsira ta' "l-Awtorità" minflok il-kliem "l-Awtorità ta' l-Ippjanar" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar";

(b) minflok l-intestatura "1. L-Awtorità ta' l-Ippjanar" li tidher qabel l-artikolu 3 tiegħu għandha tidħol l-intestatura li ġejja "1. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar";

(ċ) fl-artikolu 3 tiegħu:

(i) minflok il-kliem "ta' l-Ippjanar" fin-nota marġinali għalih, għandhom jidħlu l-kliem "ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"; u

(ii) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "l-Awtorità ta' l-Ippjanar" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar";

(d) fl-artikolu 5 tiegħu:

(i) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (9); u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) (a) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, għandu jkun hemm kumitat, li jissejjaħ il-Kumitat ta' Konsulenza dwar il-Patrimonju, li jkollu żewġ taqsimiet u li jkollu l-funzjonijiet stabbiliti f'dan is-subartikolu.

(b) Taqsima minnhom tkun tittratta dwar il-Patrimonju Kulturali u tissejjaħ it-Taqsima dwar il-Patrimonju Kulturali, u tkun magħmula kif ġej:

(i) president u tliet membri oħra li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-kultura, u

(ii) tliet membri oħra li jinħatru mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Awtorità.

(ċ) Taqsima oħra tkun tittratta dwar il-Patrimonju Naturali u tissejjaħ it-Taqsima dwar il-Patrimonju Naturali, u tkun magħmula kif ġej:

(i) president u tliet membri oħra li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-ambjent, u

(ii) tliet membri ohra li jinħatru mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Awtorità.

(d) Erba' membri ta' taqsima jkunu jagħmlu *quorum* waqt is-seduti ta' taqsima u tmien membri jkunu jagħmlu *quorum* waqt seduta konġunta taż-żewġ taqsimiet. Il-president ta' seduta jkollu vot oriġinali u, fil-każ ta' voti ndaqs, vot deċiżiv.

(e) Tkun il-funzjoni tat-taqsima, kull waħda fil-qasam ittrattat minnha, li tagħti pariri professjonali u esperti lill-Awtorità fuq dak kollu li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali u naturali fi proċess integrat. Kull taqsima għandha wkoll tagħti pariri fuq il-proċess ta' applikazzjonijiet partikolarment dwar il-konservazzjoni tal-proprjetà jew arei li jistgħu jkunu affettwati b'applikazzjoni għal permess ta' żvilupp.

(f) Kull taqsima għandha tagħmel disponibbli għal spezzjon pubbliku kull rakkomandazzjoni li hija tagħmel lill-Awtorità u għandha regolarment tirrapporta ta' kull sitt xhur lill-Awtorità u lill-Kumitat ta' Garanzija mwaqqaf taħt l-Att ta' l-2002 dwar il-Patrimonju Kulturali.

(ġ) Kull taqsima tista' titlob lil kull min trid biex jagħtiha parir espert jew professjonali dwar kull ħaġa li t-taqsima tkun qed tittratta.

(ħ) Sew il-president wieħed jew l-ieħor għandu jlaqqa' seduta konġunta taż-żewġ taqsimiet meta jinqalgħu kwistjonijiet li jolqtu kemm il-patrimonju kulturali u dak naturali, u f'dak il-każ is-seduta konġunta taż-żewġ taqsimiet għandha tkun presjeduta mill-president tat-taqsima li jlaqqa' s-seduta. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (g) għandhom ikunu japplikaw ukoll għal dawk is-seduti.

(i) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subartikolu, u għal kull regola li tista' tiġi preskritta mill-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali u l-Ministru responsabbli għall-ambjent, sew il-kumitat sew it-taqsimiet jistgħu jirregolaw il-proċeduri tagħhom."; u

(e) Il-artikolu 15 tiegħu, is-subartikolu (10) għandu jitħassar.

SKEDA

(Artikolu 41)

RATA TA' DAZJU TA' ESPORTAZZJONI

Valur ta' l-oġġett	*Dazju ta' Esportazzjoni*
Fuq l-ewwel Lm 100 jew parti minnhom	10 fil-mija.
Fuq it-tieni Lm 100 jew parti minnhom	20 fil-mija.
Fuq it-tielet Lm 100 jew parti minnhom	30 fil-mija.
Fuq ir-raba' Lm 100 jew parti minnhom	40 fil-mija.
Fuq kull valur ieħor	50 fil-mija.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 723 tas-16 ta' April, 2002.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati